

KWESTJONARJU LILL-KUMMISSARJU NNOMINAT**Michael McGRATH****Id-Demokrazija, il-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt****1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali**

Liema aspetti tal-kwalifiki u tal-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b' mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u ddaħħal tali perspettiva fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażaġh?

Liema garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kwalunkwe attività li wettaq, qed twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar il-qadi ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?

Jiena membru parlamentari b'esperjenza fil-livell politiku nazzjonali bi 17-il sena servizz, inkluż aktar minn 4 snin f'livell ministerjali għoli. Matul dan il-perjodu, filwaqt li ħdimt mill-qrib mal-kollegi fil-gvern kollu, weġibt għall-isfidi ekonomiċi u soċjali kumplessi tal-Covid-19, il-gwerra fl-Ukrajna, u l-impatt tal-inflazzjoni għolja fuq l-għoli tal-ħajja.

Ninsab kuntent li qed niġi propost bħala l-Kummissarju nnominat għad-Demokrazija, il-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt. Kif iddikjarat il-President von der Leyen fl-Ittra ta' Missjoni tagħha lili, id-demokrazija u l-ekonomija tal-Ewropa jiddependu fuq il-ġustizzja u l-istat tad-dritt. Nistenna bil-ħerqa li naħdem fi spirtu ta' kolleġġjalità mal-Membri tal-Kulleġġ, il-Kunsill, il-Parlament u s-Soċjetà Ċivili biex nilħqu l-oġettiv komuni tagħna ta' sigurtà u prosperità għan-nies u ċ-ċittadini tal-Unjoni tagħna.

Jien ġej minn pajjiż bi tradizzjoni demokratika kontinwa ta' aktar minn 100 sena u konxju ħafna tal-importanza ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti, l-applikazzjoni tal-istat tad-dritt, u media pluralista indipendenti. Il-ħarsien tal-valuri komuni tagħna u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali huma hteġa assoluta u jien impenjat bi sħiħ lejhom u li se jinformaw l-aspetti kollha tal-ħidma tiegħi.

Urejnt viżjoni ekonomika li trawwem l-innovazzjoni, tappoġġa n-negozju, u tipprijoritizza l-ekwità soċjali. Nirrikonoxxi l-potenzjal enormi tal-kumpaniji innovattivi u se naħdem biex niżgura li l-istrutturi legali xierqa jkunu fis-seħħ biex jiġu mmassimizzati l-opportunitajiet disponibbli għal dan is-settur, filwaqt li niżgura li dawn ma jiffaċċjawx piżijiet amministrattivi bla bżonn.

Rajt l-impatt u l-kontribut enormi tat-teknoloġija diġitali għas-soċjetà u għall-ekonomija usa' u l-ġid li ġgħib magħha. Madankollu, ninsab ukoll konxju tal-ħsara li tista' tiġi kkawżata mill-użu tagħha, inkluż fid-demokraziji tagħna. F'dan ir-rigward, ninsab impenjat b' mod partikolari li tingħata spinta lill-miżuri biex jiġu protetti ċ-ċittadini, lis-soċjetà u lill-istituzzjonijiet demokratiċi taħt it-Tarka Ewropea għad-Demokrazija li jmiss u li nħares lill-konsumaturi minn Prattiki dannużi online permezz tal-Att dwar il-Ġustizzja Diġitali.

Il-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni jwittu t-triq għall-Unjoni matul il-mandat li jmiss li jfittex li jwassal Ewropa aktar rapida u aktar sempliċi; Ewropa li hija aktar sigura f'kull sens u toffri prosperità akbar għan-nies u ċ-ċittadini tagħna f'qafas demokratiku msahħ.

Dan se jinkiseb billi l-Membri kollha tal-Kulleġġ jinkorporaw dawn il-prinċipji fl-aspetti kollha tal-ħidma tagħhom; u ninsab impenjat li naġmel dan fl-oqsma ta' responsabbiltà tiegħi billi nippreżenta miżuri biex tiġi protetta d-demokrazija tagħna mill-aktar riskji severi taħt Tarka Ewropea għad-Demokrazija ġdida. Se

nippromwovi u nissalvagwardja l-istat tad-dritt għall-benefiċċju taċ-ċittadini u n-negozji kollha fl-UE, inrawwem il-ġustizzja u niproteġi lill-konsumaturi u naħdem mill-qrib mal-kollegi fuq prijoritajiet trażversali.

Jien impenjat bis-sħiħ lejn il-valuri tal-UE u ninsab ferm kburi bl-Unjoni tagħna. Se nfittex li nkun promotur tal-benefiċċji u l-opportunitajiet tal-ħidma tagħna bl-użu tad-diversi fora disponibbli biex kemm jista' jkun nilħqu udjenza wiesgħa. F'dan ir-rigward, l-involvement tal-partijiet ikkonċernati se jkun ta' importanza kbira, u nemmen li r-rekord tiegħi bħala persuna li naf nibni kunsens se jkun ta' għajjnuna fil-ħidma tiegħi fil-mandat li jmiss.

L-implimentazzjoni effettiva tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni teħtieġ kejl u rappurtar regolari. Permezz tar-rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt, se niżgura li din l-ġħodda komprensiva tikkontribwixxi għall-monitoraġġ u l-promozzjoni tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, għall-promozzjoni tal-indipendenza ġudizzjarja u liberta' tal-mezzi ta' komunikazzjoni, u għas-sostenn tal-valuri demokratiċi tagħna. Nistenna bil-ħerqa l-opportunita' li ntejjeb ir-Rapport permezz tal-inklużjoni ta' dimensjoni tas-Suq Uniku.

L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u perspettiva tal-ġeneru

Il-politiki dwar il-Ġustizzja u l-Ugwaljanza huma intrinsikament marbuta. Beħsiebni naħdem mill-qrib mal-Kummissarju nnominat LAHBIB u nikkontribwixxi permezz tal-portafoll tiegħi għall-inizjattivi li se tmexxi biex tavvanza l-ugwaljanza, inkluzja l-ugwaljanza bejn il-ġeneri li dwarha d-DĠ Ġustizzja u Konsumaturi se jipprovdi wkoll kontribut.

Min-natura tagħhom, diversi oqsma ta' politika taħt it-tmexxija futura tiegħi diġà għandhom dimensjoni tal-ġeneru b'saħħitha, mill-qasam tal-ġustizzja fir-rigward, pereżempju, tad-drittijiet tal-vittmi, għall-istat tad-dritt jew id-difiża tad-demokrazija.

Se niżgura l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-ħidma tiegħi dwar id-demokrazija, pereżempju fir-rigward tas-sikurezza tal-kandidati politiċi u tar-rappreżentanti eletti, filwaqt li nosserva li n-nisa, b'mod partikolari, jiffaċċjaw theddid u pressjoni akbar. Se neżamina wkoll kif għandha tiġi inkluzja l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri f'oqsma oħra ta' politika, bħall-politika tal-konsumatur, fejn id-dimensjoni tal-ġeneru tista' titqies aħjar.

Integrazzjoni taż-żgħażaġh

Beħsiebni naħdem mill-qrib mal-Kummissarju nnominat MICALLEF biex niżgura li l-politiki li nissorvelja jinkludu bis-sħiħ dimensjoni taż-żgħażaġh. Bħala Kummissarju nnominat inkarigat mid-Demokrazija, jien konxju kemm il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħna hija vitali biex jiġu żgurati demokraziji b'saħħithom. F'dan ir-rigward, se naġmel il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh prijorità, b'mod partikolari permezz tal-organizzazzjoni ta' Djalogi Annwali ta' Politika maż-Żgħażaġħ li jibdeu fl-ewwel 100 jum u permezz ta' involviment regolari mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh.

Se nqis ukoll bis-sħiħ il-ħtiġijiet taż-żgħażaġh tagħna fir-rigward tal-aċċess għall-ġustizzja ċivili u kriminali filwaqt li nqis l-impatt tal-kriminalità fuq il-vittmi żgħażaġh u se nfittex li nqarreb aktar iċ-ċittadinanza tal-UE lejn iż-żgħażaġh tagħna, billi nikkomunika aħjar il-benefiċċji taċ-ċittadinanza tal-UE.

Iż-żgħażaġh huma segment importanti tal-konsumatur, b'xejriet speċifiċi ta' konsum. Beħsiebni nirrifletti dan bis-sħiħ waqt it-tfassil tal-Att dwar il-Ġustizzja Diġitali, li b'mod partikolari għandu jħares lejn l-influwenzaturi tal-media soċjali u l-prattiki online dannużi.

Qadi ta' dmirijiet

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nirrispetta bis-sħiħ il-kontenut u l-ispirtu tat-Trattat, b'mod partikolari l-obbligu li naġixxi fl-interess Ewropew u mingħajr ma nieħu struzzjonijiet, kif stabbilit fl-Artikoli 17(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 245 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-obbligu tas-segretezza professjonali fl-Artikolu 339 tiegħu.

Nimpenja ruħi li nevita kull pożizzjoni jew sitwazzjoni li tista' ddaħħal dubju rigward l-indipendenza, l-imparzjalità u d-disponibilità tiegħi lejn il-Kummissjoni u li ninforma lill-President tal-Kummissjoni b'kull sitwazzjoni li tista' tinvolvi kunflitt ta' interessi fil-qadi tad-dmirijiet uffiċjali tiegħi.

Jien se nonora l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Membri tal-Kummissjoni Ewropea u d-dispożizzjonijiet tagħha dwar il-kunflitti ta' interess. Id-Dikjarazzjoni ta' Interessi tiegħi hija kompluta u aċċessibbli għall-pubbliku, u jekk ikun meħtieġ se naġġornaha f'waqtha.

Jien la se nfitteż li nieħu u lanqas se nieħu struzzjonijiet minn xi entità. Il-mira tiegħi hija li nqis l-interessi kollha involuti, irrISPETTIVAMENT minn kwalunkwe oriġini nazzjonali, reġjonali, professjonali jew personali u li naħdem biex il-linji gwida politiċi jiġu implimentati skont dan.

Nappoġġa bis-sħiħ l-impenn tagħna għat-trasparenza stabbilit fil-Kodiċi ta' Kondotta. Jiena nimpenja ruħi li nrendi pubbliċi l-kuntatti u l-laqgħat kollha li jkollu mal-organizzazzjonijiet professjonali jew mal-individwi li jaħdmu għal rashom dwar kwalunkwe kwistjoni li tirrigwarda t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE f'konformità mar-regoli tal-Kummissjoni.

2. Ġestjoni tal-portafoll u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew

Tista' timpenja ruħek li tinforma kif xieraq lill-Parlament bl-azzjonijiet tiegħek u b'dawk tas-servizzi tiegħek? F'liema rigward tqis li għandek obbligu ta' rendikont fil-konfront tal-Parlament?

F'liema rigward tqis li għandek obbligu ta' rendikont fil-konfront tal-Parlament?

Liema impenji speċifiċi lest li tiegħi fir-rigward tal-involviment u tal-preżenza tiegħek fil-Parlament, kemm f'livell ta' kumitat kif ukoll fil-plenarja, it-trasparenza, il-kooperazzjoni u s-segwitu effettiv mogħti lill-pożizzjonijiet tal-Parlament u lit-talbiet tiegħu għal inizzjattivi leġiżlattivi? B'rabta mal-inizzjattivi pjanati jew il-proċeduri attwali, lest tipprovdi l-informazzjoni u d-dokumenti f'waqthom lill-Parlament l-istess bħalma tagħmel mal-Kunsill?

Nimpenja ruħi li nimplementa bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet wiesgħa tal-Ftehim Qafas tal-2010 u l-Ftehim Interistituzzjonali tal-2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet fir-rigward tat-trasparenza u l-fluss ta' informazzjoni bejn iż-żewġ istituzzjonijiet.

L-obbligu ta' rendikont tiegħi quddiem il-Parlament Ewropew

Irrid li r-relazzjonijiet tiegħi u tal-kabinett tiegħi mal-Parlament Ewropew ikunu bbażati fuq il-fiduċja, it-trasparenza u l-assistenza reċiproka. Bħala Membru tal-Kummissjoni, se nkun personalment responsabbli u nagħti rendikont quddiem il-Parlament għall-azzjonijiet tiegħi u dawk tad-dipartimenti tiegħi, b'mod partikolari d-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi tal-Kummissjoni. Minħabba l-isfond parlamentari tiegħi, għandi rispett profond u fehim tar-rwol vitali tad-demokrazija parlamentari fl-Unjoni tagħna. Dan se jkun rifless fil-mod kif naħdem mal-Parlament Ewropew.

Nistenna bil-ħerqa l-opportunità li ninvolvi ruħi regolarment mal-kollegi fil-Parlament kemm fis-sessjoni plenarja kif ukoll fil-laqgħat tal-kumitati fi spirtu ta' kooperazzjoni u rispett. Ir-rapporti u r-riżoluzzjonijiet imħejjija mill-Kumitati tal-Parlament Ewropew jipprovdu għarfien essenzjali u nistenna bil-ħerqa li naħdem biex ninkorporahom fil-proċess tal-ippjanar u tal-formulazzjoni tal-politika, filwaqt li naħdem mill-qrib mal-membri tal-Kumitat u mar-Relaturi.

L-involviment mal-intergruppi tal-Parlament Ewropew joffri wkoll mezz siewi biex jinkiseb aktar għarfien dwar il-prijoritajiet tal-Parlament, b'mod partikolari f'oqsma trażversali bħad-drittijiet tal-LGBTIQ, l-involviment taż-żgħażaġh, u t-tranżizzjoni diġitali u l-għan tiegħi hu li dawn l-opportunitajiet jimmaterjalizzaw bis-sħiħ.

L-impenji speċifiċi tiegħi dwar l-involviment tiegħi mal-Parlament u l-preżenza tiegħi fih

Bħala membru parlamentari nazzjonali b'esperjenza, nifhem kif il-kooperazzjoni interistituzzjonali hija kruċjali għall-funzjonament tas-sistema istituzzjonali tal-UE u għall-benefiċċju tal-effiċjenza, il-leġittimità u l-governanza tajba tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE. L-involviment dirett mal-Parlament huwa wieħed mill-oqsma tal-ħidma tiegħi fil-futur li l-aktar qed inħares 'il quddiem b'ħerqa għalih.

Bħala Kummissarju nnominat responsabbli għad-demokrazija u ċ-ċittadinanza, napprezza bis-sħiħ ir-rwol tal-Parlament bħala l-vuċi taċ-ċittadini Ewropej u l-inkorporazzjoni tad-demokrazija Ewropea. Għalhekk se naħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew u nimpenja ruħi li nattendu dibattiti plenarji dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-portafoll tiegħi.

Nimpenja ruħi wkoll li nżur regolarment il-kumitati rilevanti fil-Parlament għal djalogi strutturati, niddiskuti l-implimentazzjoni u l-infurzar u jkollu skambji dwar inizjattivi ewlenin ġodda. Se nżomm fluss regolari u dirett ta' informazzjoni mal-presidenti ta' dawn il-kumitati u l-bieb tiegħi dejjem se jkun miftuħ għall-Membri li jixtiequ jiltaqgħu miegħi.

Se nipparteċipa wkoll fit-trilogi li jappartjenu għall-fajls tiegħi fejn se naġixxi bħala medjatur imparzjali bejn il-Parlament u l-Kunsill. Kif spjegat fl-Ittri ta' Missjoni, se nsegwi b'mod partikolari l-ħidma tal-Parlament dwar ir-riżoluzzjonijiet tal-Artikolu 225 u nimpenja ruħi li nirrispondi għat-talbiet għal proposti leġiżlattivi b'rispett sħiħ tal-prinċipji tal-proporzjonalità, tas-sussidjarjetà u tat-tfassil aħjar tal-liġijiet.

Ħidma mal-koleġiżlaturi fil-ħin u fuq bażi ugwali

F'ħafna mill-oqsma li jaqgħu fir-responsabbiltà immedjata tiegħi, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaġixxu bħala koleġiżlaturi.

Il-Parlament Ewropew għandu jinżamm fuq l-istess livell mal-Kunsill fl-inizjattivi legali u politiċi kollha li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħi.

Ir-rispett sħiħ ta' kooperazzjoni interistituzzjonali leali huwa essenzjali, jekk mhux fundamentali, għat-twettiq tal-aġenda tal-ġustizzja. Għal dan il-għan, fl-oqsma ta' responsabbiltà tiegħi, se napplika b'mod sħiħ il-Ftehim Qafas u l-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

3. X'inhuma l-għanijiet previsti u l-azzjonijiet possibbli tiegħek fir-rigward tal-Aġenda tal-Konsumatur li Jmiss 2025-2030 u l-Pjan ta' Azzjoni Ġdid dwar il-konsumaturi fis-Suq Uniku? Fil-qafas tal-Att dwar il-Ġustizzja Diġitali, kif tippredvi li tindirizza tekniki dannużi u prattiki kummerċjali relatati ma' dark patterns, il-kummerċjalizzazzjoni minn influwenzaturi tal-media soċjali, id-disinn ta' prodotti diġitali li joħlqu dipendenza, it-tfassil ta' profili online speċjalment meta l-vulnerabbiltajiet tal-konsumatur jiġu sfruttati għal skopijiet kummerċjali, u protezzjoni aħjar tal-minorenni? Fid-dawl ta' dawn l-inizjattivi kollha li ġejjin, kif tiżgura l-konsistenza u n-nuqqas ta' trikkib mal-leġiżlazzjoni eżistenti, bħall-Att dwar is-Servizzi Diġitali, ir-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Prodotti, u d-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali, u, b'mod ġenerali, kif tippredvi li timmodernizza u tinforza l-politiki dwar is-sikurezza tal-prodotti biex tiżgura li l-pajjiżi tal-UE jkunu mexxejja li jistabbilixxu l-istandards f'livell globali f'termini ta' protezzjoni tal-konsumatur u sikurezza tal-prodotti, kif mitlub fl-ittra ta' missjoni tiegħek? Tista' tinfurmana dwar l-azzjonijiet li jmiss biex jiġu ppreservati l-ġustizzja u l-integrità tas-sistema politika tagħna u, f'dan il-kuntest, tikkonferma l-impenn tiegħek li taħdem mal-Kumitat IMCO, b'mod partikolari dwar it-trasparenza tal-proposta dwar ir-rappreżentanza tal-interessi ta' pajjiżi terzi? Din il-proposta kif se tinteraġixxi mat-Tarka proposta Ewropea għad-Demokrazija?

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, nixtieq navvanza l-Aġenda tal-Konsumatur 2025-2030 bħala viżjoni komuni li tagħmel differenza fil-ħajja tan-nies. Il-konsumaturi għandhom rwol ewleni fl-ekonomija soċjali tas-suq tagħna li jikkontribwixxu għat-ktabbir sostenibbli u għal Suq Uniku aktar kompetittiv. L-għażliet tal-konsumaturi jiddeterminaw ir-riżultati tal-kumpaniji. Iżda bl-istess mod, permezz tal-politika tal-konsumatur tagħna se nippromwovi tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija ekoloġika u diġitali, filwaqt li nrawwem it-ktabbir ekonomiku b'koeżjoni soċjali, nipproteġi u nagħti s-setgħa lill-konsumaturi, nipprovdi għażla wiesgħa ta' prodotti sostenibbli, affordabbli, inkluż għal dawk li huma l-aktar vulnerabbli.

Il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-konsumaturi fis-Suq Uniku se jkun parti mill-Aġenda tal-Konsumatur, li jista' jkollha wkoll enfasi speċifika fuq l-infurzar. Permezz tal-implimentazzjoni sħiħa, ugwali u effettiva tar-regoli, jinħolqu kundizzjonijiet ekwi, kemm għall-konsumaturi, kif ukoll għall-kumpaniji fis-Suq Uniku. Il-konsumaturi jeħtieġu informazzjoni u drittijiet infurzabbli, iżda ma nistgħux inpoġġu piż żejjed fuq il-kumpaniji li qed jissieltu mal-burokrazija. Naqbel bis-sħiħ mal-ittra ta' missjoni tiegħi fuq l-enfasi mpoġġija fuq l-implimentazzjoni, is-simplifikazzjoni u li nikseb riżultati. Qed nippredvi wkoll azzjonijiet biex inħeġġeġ prodotti u mġiba ċirkolari, insaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali, u nipproteġi aħjar lill-konsumaturi minn prodotti mhux sikuri fuq pjattaformi online.

Il-pjan ta' Azzjoni dwar il-konsumaturi fis-Suq Uniku jipproteġi lill-konsumaturi kontra diskriminazzjoni inġusta fil-konsenja transfruntiera ta' oġġetti u servizzi billi jindirizza r-restrizzjonijiet fuq il-pagamenti, ir-restrizzjonijiet territorjali fuq il-provvista u l-forniment ta' servizzi finanzjarji transfruntiera. Dan għandu jwassal il-benefiċċji tas-Suq Uniku lil kull konsumatur.

L-Att dwar il-Ġustizzja Diġitali huwa l-parti nieqsa fil-ġabra ta' regoli diġitali tal-UE.

Il-leġiżlazzjoni diġitali adottata reċentement, bħall-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali, hija rivoluzzjonarja u se jkollha impatt pożittiv fuq il-protezzjoni tal-konsumatur, inkluż billi tipprovdi qafas ta' appoġġ għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-konsumatur online. Madankollu, il-konklużjonijiet tal-Kontroll tal-Idoneità tal-Ġustizzja Diġitali wrew li għad hemm lakuni u rridu nkomplu nindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati b'mod immirat u proporzjonat. B'mod partikolari, neħtieġu aktar ċarezza dwar x'inhu permess u x'mhuwiex permess online. Qed nippjana li nindirizza l-erba' kwistjonijiet ewlenin enfasizzati fl-ittra ta' missjoni tiegħi, jiġifieri d-dark patterns, il-kummerċjalizzazzjoni tal-influenzaturi, id-disinn li johlq dipendenza u l-personalizzazzjoni problematika, speċjalment meta jiġu sfruttati l-vulnerabbiltajiet tal-konsumatur. Jeħtieġ ukoll li nivvalutaw il-problemi potenzjali bil-kuntratti diġitali u l-abbonamenti, bħal proċeduri diffiċli għall-kanċellazzjonijiet. Nixtieq nagħti attenzjoni speċjali lill-protezzjoni tal-minorenni bħala konsumaturi online – bħala utenti attivi tas-servizzi diġitali (eż. il-media soċjali, il-logħob tal-kompjuter). Peress li ħafna drabi huma dawk li jadottaw teknoloġiji ġodda minn kmieni, dawn huma partikolarment esposti għar-riskji.

L-Att dwar il-Ġustizzja Diġitali se jipproteġi lill-konsumaturi fil-qasam diġitali u jiżgura li jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-siġħ mis-suq diġitali. Dan jikkomplementa leġiżlazzjoni oħra, filwaqt li jiżgura qafas koerenti u konsistenti. Pereżempju, għad-dark patterns, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali jistabbilixxi obbligi ta' disinn għall-pjattaformi online. L-Att dwar il-Ġustizzja Diġitali jista' jżid obbligi supplimentari għal atturi kummerċjali oħra. Il-ġabra l-ġdida tar-regoli diġitali jeħtieġ li tapplika fil-prattika u, kif spjegat fil-mistoqsija li jmiss dwar l-infurzar, se niżgura, jekk niġi kkonfermat, li din tiġi mmonitorjata u infurzata b'mod koerenti u komplementari mal-leġiżlazzjoni tal-konsumatur, biex jiġu żgurati protezzjoni u kompetittività effettivi. Bl-istess mod, se nagħti attenzjoni lill-fehmiet mill-kumpaniji, biex niżgura li jkun faċli biex jiġu implimentati r-regoli u li dawn ikunu ta' piż minimu.

Dwar is-sikurezza tal-prodotti, l-enfasi tiegħi se tkun fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-Regolament il-ġdid dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Prodotti u l-immodernizzar tal-ġhodod eżistenti biex tiġi żgurata sorveljanza tas-suq aktar effiċjenti, prinċipalment permezz ta' użu aħjar tal-ġhodod tal-IT. Biex nuża bis-siġħ il-proċeduri l-ġodda skont ir-Regolament, naħdem b' appoġġ għas-sorveljanza tas-suq u l-isforzi konġunti ta' infurzar tal-Istati Membri. Pereżempju, permezz tal-organizzazzjoni ta' attivitajiet konġunti ta' ttestjar tal-prodotti li jinvolvu xiri bil-moħbi jew billi niffaċilita l-indaġnijiet tas-sikurezza tal-prodotti fil-livell tal-UE, speċjalment fir-rigward tal-bejgħ online, nistgħu nuru li l-UE tiegħi ħsieb il-konsumaturi. Dawn il-miżuri se jkollhom jagħtu kontribut essenzjali biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-pjattaformi tal-kummerċ elettroniku, li jaraw li l-bejgħ qed jikber minkejja ħafna każijiet magħrufa ta' nuqqas ta' konformità tal-prodott. Huwa essenzjali li l-UE taġixxi biex tiżgura s-sikurezza tal-prodotti ordnati direttament minn pajjiżi terzi, bl-istess mod li niżguraw is-sikurezza tal-prodotti mixtrija fl-UE jew fil-ħwienet. Se nimmira li niżgura li l-atturi kollha online jirrispettaw l-obbligi l-ġodda tagħhom ta' sikurezza. Irrid ukoll li l-UE tkompli tippromwovi standards għoljin ta' sikurezza tal-prodotti madwar id-dinja permezz ta' kooperazzjoni intensifikata ma' sħab internazzjonali strateġiċi.

It-Tarka Ewropea għad-Demokrazija l-ġdida stabbilita fil-Linji Gwida Poliċi se tkun inizzjattiva ewlenija biex jiġu ppreservati l-ġustizzja, il-pluralità u l-integrità tas-sistema politika tagħna billi tipproteġiha mill-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin. Jekk niġi kkonfermat, inqis li din hija prijorità ewlenija, billi naħdem f'kooperazzjoni mal-Kummissarji sħabi. Id-demokrazija qatt ma tista' tittieħed bħala fatt, u jeħtieġ li nipproteġu s-sistemi tal-UE kemm mill-indhul barrani malizzjuż kif ukoll mill-erożjoni. Nistgħu wkoll indaħħlu dimensjoni Ewropea biex niżguraw li ċ-ċittadini jkunu kburin b'kif l-Ewropa se tkompli tevolvi bħala demokrazija vitali u dinamika. Id-demokraziji madwar id-dinja qed jieħdu azzjoni biex iżidu r-reżiljenza tagħhom fil-kuntest ġeopolitiku attwali. Għandna bżonn ta' standards komuni tal-UE b'saħħithom biex nipproteġu d-demokrazija tagħna. Ir-Regolament dwar ir-Reklamar Politiku li ġie adottat dan l-aħħar huwa eżempju ta' regola tal-UE li jsaħħaħ il-protezzjonijiet demokratiċi tagħna billi jagħmilha aktar faċli għaċ-ċittadini biex jirrikonoxxu r-reklami poliċi, jifhmu min jinsab warajhom, u jkunu jafu jekk irċevewx reklam immirat, sabiex ikunu f'pożizzjoni aħjar biex jagħmlu għażliet infurmati. Fil-futur, l-UE għandha tkompli tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' standards għoljin dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-isfidi għad-demokraziji tagħna b'mod koerenti, ibbilanċjat u proporzjonat, filwaqt li jiġu rrispettati bis-siġħ id-drittijiet fundamentali u l-valuri tal-UE.

Id-demokrazija timplika kontrolli u bilanċi b'saħħithom. Se naħdem b'mod attiv biex nippromwovi t-trasparenza u l-integrità fl-isfera demokratika. Il-perikli għad-demokrazija jistgħu jiġu minn manipulazzjoni barranija, diżinformazzjoni jew minn riskji domestiċi bħall-erożjoni tal-istituzzjonijiet demokratiċi jew id-deterjorament tal-prattiki parteċipattivi. Jekk niġi kkonfermat, se naħdem b'mod attiv mal-koleġiżlaturi biex navvanzaw id-Direttiva proposta dwar ir-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi. Din il-proposta hija reazzjoni għat-tħassib dejjem akbar dwar tentattivi ta' influwenza barranija fl-UE.

Naf li dan huwa tħassib konsistenti fil-Parlament: Fir-riżoluzzjonijiet tiegħu, il-Parlament enfasizza l-importanza li tiġi żgurata t-trasparenza tal-influenza barranija permezz ta' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess u laq' l-adozzjoni tal-Pakkett dwar id-Difiża tad-Demokrazija, inkluża d-direttiva proposta. Il-proposta tal-Kummissjoni hija mirfuda minn valutazzjoni tal-impatt rigoruża, kif mitlub ukoll mill-Parlament Ewropew fir-Rakkomandazzjonijiet tiegħu għar-riforma tar-regoli tal-Parlament Ewropew dwar it-trasparenza, l-integrità, ir-responsabbiltà, u l-għliedha kontra l-korruzzjoni. Jekk niġi kkonfermat, jiena ħerqan li naħdem mar-Rapporteur u max-shadow rapporteurs biex navvanzaw il-ħidma fix-xhur li ġejjin. Nagħti attenzjoni partikolari lil kwistjonijiet bħall-iżgurar taċ-ċarezza u l-effiċjenza tal-proposta, il-minimizzazzjoni tal-piż amministrattiv u s-salvagwardji b'saħħithom, inkluż kontra r-riskju possibbli ta' stigmatizzazzjoni ta' operaturi ekonomiċi speċifiċi u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Ir-riżultat jista' jkun dimostrazzjoni qawwija li nistgħu nużaw it-trasparenza biex tipproteġina mir-riskji ta' interferenza.

Il-konsumaturi, id-demokrazija u l-istat tad-dritt se jkunu l-prijoritajiet tiegħi mill-bidu u matul il-mandat tiegħi.

4. L-infurzar effettiv u effiċjenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur huwa ta' importanza kbira għall-politika tal-konsumatur u għalhekk għandu jkun prijorità għas-snin li ġejjin, kif inhu enfasizzat ukoll fl-ittra ta' missjoni tiegħek. Kif tiżgura li jkun hemm infurzar xieraq tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur fil-livell transfruntier u dak nazzjonali u x'inhuma l-miżuri li l-Kummissjoni Ewropea se tadotta biex tkompli ssaħħaħ il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u s-setgħat ta' infurzar tal-awtoritajiet nazzjonali, inkluż fir-rigward tar-rwol u l-kompiti tan-Network ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur? Qed tippjana li tippreżenta reviżjoni tar-Regolament dwar Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumatur fl-ewwel 100 jum tal-mandat? Kif qed tippjana li tirrapporta lura lill-Kumitat IMCO dwar ir-riżultati ta' dawn l-attivitajiet ta' infurzar u dwar l-azzjonijiet previsti biex ikomplu jtejbuhom?

Bl-aċċellerazzjoni tal-kummerċ elettroniku u d-diġitalizzazzjoni wara l-pandemija tal-COVID-19, tfaċċaw sfidi ġodda ta' infurzar, amplifikati bil-wasla ta' atturi ġodda spiss minn pajjiżi terzi, li issa jiddominaw is-swieq tal-konsumatur tal-UE. Il-konsumaturi qed jixtru dejjem aktar online, iżda l-konformità mal-liġi bażika tal-konsumatur għadha insuffiċjenti. Id-*data* mill-kontrolli annwali tal-konformità mwettqa min-Network għall-Infurzar tal-Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur taħt il-koordinazzjoni tal-Kummissjoni turi li, bħala medja, 50 % biss tas-siti web ivverifikati jikkonformaw mad-drittijiet bażiċi tal-konsumatur. Dan juri l-ħtieġa għal aktar azzjoni, li ninsab ħerqan li nieħu. Filwaqt li huwa f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali li jinfurzar ir-regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi, inklużi dawk li jirriżultaw mid-dritt tal-UE, il-Kummissjoni tikkordina u tappoġġa l-ħidma tagħhom skont ir-Regolament dwar Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumaturi biex tiżgura infurzar effettiv kontra ksur mifruż u li jinsab madwar l-UE kollha.

Jekk niġi kkonfermat, beħsiebni naħdem fuq diversi oqsma:

Ir-rimedju kollettiv u privat, inklużi l-proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti, huma elementi ewlenin fl-iżgurar tal-konformità mal-liġi tal-konsumatur. Jekk niġi kkonfermat, se nieħu passi biex nappoġġa l-mudell Ewropew il-ġdid ta' rimedju kollettiv, stabbilit bid-Direttiva dwar l-Azzjonijiet Rappreżentattivi. Se naħdem biex niżgura li l-Istati Membri jitrassponu din id-Direttiva b'mod sħiħ u korrett u jaħdmu flimkien biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tagħha fil-prattika. Naturalment, jekk ikun meħtieġ, inkun lest li nkompli bil-proċeduri ta' ksur. Peress li l-entitajiet kwalifikati maħtura jeħtieġ li jibnu l-kapaċità operazzjonali tagħhom, nistgħu nipprovdnu miżuri li jgħinuhom iressqu azzjonijiet rappreżentattivi. Fi skambji mal-imħallfin se nivvalutaw kif l-aħjar jiġu ġestiti t-talbiet kollettivi. L-azzjonijiet kollha msemmija hawn fuq jimmiraw lejn funzjonament effiċjenti u koerenti tar-rimedju kollettiv madwar l-UE.

Se naħdem ukoll biex nappoġġa l-adozzjoni tal-proposta pendenti dwar is-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim (ADR) li għandha l-għan li tagħmel il-proċedura adattata għall-isfidi tal-era diġitali u tat-tranżazzjonijiet transfruntiera u li żżid l-involvement tan-negozjanti fiha.

Biex inkompli ntejjeb l-infurzar tal-liġi tal-konsumatur, se nkompli nesplora approċċi għat-tisħiħ tar-rwol ta' appoġġ tal-Kummissjoni f'ċirkostanzi li jaffettwaw lill-konsumatur fl-Unjoni kollha, u lil hinn mill-fruntieri. Se nftitex ukoll li ntejjeb aktar is-sistema ta' kooperazzjoni tal-infurzar għall-awtoritajiet nazzjonali, li se jkomplu bl-azzjonijiet ta' infurzar tagħhom fir-rigward tal-aktar ksur mifruż tal-liġi tal-konsumatur tal-UE, filwaqt li niffoka wkoll fuq it-tisħiħ tal-kapaċità tagħna li ninfurzar b'mod effettiv ir-regoli tal-UE kontra kumpaniji multinazzjonali kbar li għandhom fil-mira tagħhom il-konsumaturi tagħna minn barra l-UE. Kwalunkwe azzjoni f'dan il-kuntest għandha tiżgura l-konsistenza, il-komplementarjetà, u l-koordinazzjoni ma' strumenti legali relatati, bħall-Att dwar is-Servizzi Diġitali, l-Att dwar is-Swieq Diġitali, l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, jew ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

Nimpenja ruħi li nirrapporta regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat IMCO tiegħu u naġġornakom personalment dwar il-ħidma tiegħi biex inkompli nsaħħaħ l-infurzar tal-liġi tal-konsumatur, bħala parti mid-djalogu strutturat tagħna. Nilqa' wkoll l-oportunità li kull sena jiġi ppreżentat il-progress fl-implimentazzjoni lill-Parlament Ewropew. It-tweġġiq effettiv għandu jkun l-oġġettiv tal-politiki tagħna u l-kollaborazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tista' tagħti kontribut reali biex jiġu identifikati n-nuqqasijiet u jiġu identifikati soluzzjonijiet li jippreservaw il-benefiċċji li ċ-ċittadini u n-negozji għandhom igawdu mill-politiki tagħna.

5. Meta wieħed iħares lura lejn il-kisbiet kollha u l-leġiżlazzjoni li ġiet adottata matul il-leġiżlatura preċedenti biex il-konsumaturi jingħataw is-setgħa fit-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika, huwa kruċjali li l-Kummissjoni Ewropea timmonitorja l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti biex tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u kundizzjonijiet ekwi għan-negozji. Minbarra d-Djalogi dwar l-Implimentazzjoni u r-Rapport ta' Progress Annwali dwar l-Infurzar u l-Implimentazzjoni, li jissemmew fl-ittra ta' missjoni tiegħek, x'inhuma l-azzjonijiet speċifiċi li se tieħu biex timmonitorja b'mod effettiv l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali dwar il-protezzjoni tal-konsumatur? F'dan il-qafas, kif se tgħin lin-negozji, b'mod partikolari lill-mikrointrapriżi u lill-SMEs, biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom u x'passi se tieħu biex tinforma aħjar lill-konsumaturi dwar id-drittijiet u r-rimedji tagħhom? Kif biħsiebek iżżomm lill-Kumitat IMCO infurmat dwar l-attivitajiet attwali u futuri tal-Kummissjoni u dwar il-progress f'dan il-qasam?

Jekk niġi kkonfermat, nistenna bil-ħerqa li norganizza djalogi ta' implimentazzjoni mal-partijiet ikkonċernati stabbiliti fil-Linji Gwida Politiċi biex ikun hemm feedback dirett dwar x'jaħdem tajjeb u x'jista' jittejjeb. Ħarsa ġenerali lejn il-leġiżlazzjoni kollha tal-UE dwar il-konsumatur adottata reċentement tista' sservi bħala punt tat-tluq, iżda jistgħu jiġu eżaminati suġġetti oħra bħat-tikkettar u l-konsum online. Dan jista' jkun appoġġ kbir għall-fiduċja tal-konsumaturi li jekk jiffaċċjaw ostakli biex jibbenefikaw bis-sħiħ mis-suq uniku, se nkunu qed nirreaġixxu b'azzjoni. Il-moviment tal-konsumatur u l-korpi rappreżentattivi tal-konsumaturi naturalment ikunu parti minn dan, iżda l-atturi kollha fil-katina tal-valur għandhom jipparteċipaw, u jgħinuna nidentifikaw sfidi konkreti ta' implimentazzjoni fil-prattika. Dan se jappoġġa l-ħidma biex l-Istati Membri jiġu akkumpanjati fit-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni tal-UE li għadha kif ġiet miftiehma, bħall-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi fit-tranżizzjoni ekoloġika jew id-dritt għat-tiswija, pereżempju permezz ta' sessjonijiet ta' ħidma u diskussjonijiet bilaterali.

Il-Kummissjoni tevalwa regolarment jekk il-liġijiet eżistenti għadhomx adattati għall-iskop tagħhom. Il-Kontroll tal-Idoneità fir-rigward tal-Ekwità Diġitali kien eżempju ewlieni ta' dan. Tali evalwazzjonijiet huma bbażati fuq il-monitoraġġ tas-suq u l-għbir tad-*data*, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u n-negozji. Nemmen bis-sħiħ li l-politiki tagħna jridu jkun bbażati fuq evidenza u *data* b'saħħithom, bħala bażi għal miżuri proporzjonati u effettivi.

Fil-proċess tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni se nkun viġilanti ħafna dwar il-piż amministrattiv. Se nappoġġa wkoll lin-negozji fil-preparamenti tagħhom għall-applikazzjoni tar-regoli legali l-ġodda, pereżempju, permezz ta' avvenimenti ddedikati, dokumenti ta' spjegazzjoni jew, fejn meħtieġ, aġġornamenti tal-programmi ta' appoġġ. Ġeneralment, fejn jinstabu kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità, se ninvolvi ruħi fi djalogi mal-Istati Membri u, jekk ikun meħtieġ, nibda proċedimenti ta' ksur. Speċjalment fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur, l-awtoritajiet u l-kumpaniji huma alleati ewlenin li jridu jitqiesu għall-ksib tar-riżultati.

Beħsiebni navvanza l-ħidma biex ngħinu lill-parteciċpanti kollha fis-suq – il-konsumaturi, in-negozjanti, inklużi l-SMEs, u l-awtoritajiet – jifhmu aħjar il-liġijiet tal-UE dwar il-konsumatur u s-sikurezza tal-prodotti u japplikawhom b'mod konsistenti. Hemm diversi eżempji ta' proġetti f'din id-direzzjoni: Qasam wieħed li jrid jingħata attenzjoni huwa dak tal-influwenzaturi, li jitqiesu bħala mikrointrapriżi meta jinvolvu ruħhom f'attivitajiet kummerċjali regolari online. Iċ-Ċentru Legali tal-Influwenzaturi mniedi mill-Kummissjoni, u li huwa taħriġ bil-vidjo dwar l-istandards Ewropej tal-protezzjoni tal-konsumatur li jeħtieġ li jiġu applikati meta jsir ir-reklamar, meta jinbiegħu oġġetti u meta jiġu pprovduti servizzi, huwa eżempju ta' sensibilizzazzjoni li nemmen li huwa utli li niżviluppah.

Ninsab ħerqan ukoll li nkompli niżviluppa proġetti bħall-proġett ta' taħriġ "Consumer Law Ready" għall-SMEs, li taħtu l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u tan-negozju tal-UE jipprovdu taħriġ għall-SMEs dwar il-liġi tal-konsumatur, kemm online kif ukoll offline. Il-materjal huwa pprovdut bil-lingwi nazzjonali u adattat għal-liġi tal-konsumatur kif tapplika fl-Istati Membri, li minnu jibbenefikaw eluf ta' kumpaniji żgħar.

Il-kampanji ta' komunikazzjoni huma għodda utli biex javżaw lin-negozji u lill-konsumaturi dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom, b'mod partikolari meta jiġu adottati regoli ġodda. Bħalissa, iktar minn konsumatur minn kull tlieta (37 %) għandu livell baxx ta' għarfien dwar id-drittijiet tal-konsumatur; bl-istess mod, wieħed minn kull

tlieta ma jilmentax meta jkollu problema. Għalija se jkun fundamentali li l-konsumaturi jkunu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom. Dawn il-kampanji spiss jagħmlu referenza għal informazzjoni aktar dettaljata li tinsab fuq il-portal Your Europe, il-punt uniku ta' servizz tal-Kummissjoni għal informazzjoni dwar is-suq intern, li jispjega d-drittijiet tal-konsumatur u l-obbligi tal-kummerċjanti b'mod faċli biex jinftehem. Pereżempju, ladarba l-Istati Membri jibdeu japplikaw id-Direttiva dwar id-Dritt għat-Tiswija, kampanja ta' komunikazzjoni tista' tippromwovi l-opportunitajiet li għib magħha għall-konsumaturi u n-negozji. Bl-istess mod, kampanja tista' tindirizza wkoll lill-konsumaturi u lin-negozji fir-rigward tal-qafas il-ġdid introdott mir-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Prodotti. F'din il-ħidma kollha, għandna nagħmlu użu tajjeb min-Network taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi, filwaqt li nistimolaw komunikazzjoni mfassla apposta fil-livell nazzjonali, u se niżgura li l-assoċjazzjonijiet u l-awtoritajiet nazzjonali tal-konsumaturi jkunu dejjem infurmati tajjeb u involuti fl-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni.

Lil hinn mid-djalogu strutturat u ta' implimentazzjoni regolari tagħna, beħsiebni nżomm lill-Kumitat IMCO infurmat dwar l-attivitajiet attwali u futuri tal-Kummissjoni u l-progress f'dan il-qasam billi nstedinkom għal avvenimenti tal-Kummissjoni, pereżempju, is-Summit Ewropew tal-Konsumatur, kif ukoll billi nibgħat rapporti ta' implimentazzjoni kif meħtiegħ mil-leġiżlazzjoni tal-UE.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għall- Affarijiet Legali

6. Ġustizzja ċivili

Il-kooperazzjoni transfruntiera bejn is-sistemi tal-ġustizzja f'materji ċivili, familjari u kummerċjali ġiet żviluppata u msaħħa matul l-aħħar deċennji.

Madankollu, iċ-ċittadini u n-negozji tal-UE għadhom jiffaċċjaw ostakli legali u amministrattivi biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom minħabba d-differenzi bejn is-sistemi legali tal-Istati Membri u l-kumplessità tagħhom, speċjalment meta jkunu involuti f'tilwim ċivili, familjari u kummerċjali transfruntier li jista' jkun għali u jieħu żmien twil. Dan jipprevjeni lill-SMEs u lill-mikrointrapriżi milli jespandu l-attivitajiet u t-tkabbir tagħhom u jista' jikkawża tbatija u inċertezza legali liċ-ċittadini tal-UE. Barra minn hekk, b'nuqqas ta' traspożizzjoni, implimentazzjoni u infurzar korretti tad-dritt tal-Unjoni, iċ-ċittadini tagħna ma jistgħux jibbenefikaw bis-sħiħ mid-drittijiet tagħhom, il-kumpaniji tagħna ma jistgħux igawdu minn kundizzjonijiet ekwi u, b'riżultat ta' dan, il-fiduċja fil-proġett Ewropew hija mminata.

Barra minn hekk, l-amministrazzjoni effiċjenti tal-ġustizzja tirrikjedi sforzi serji biex ikun hemm baġits robusti biex jiffinanzjaw il-makkinarju tagħha, fost l-oħrajn f'termini ta' taħriġ, persunal u diġitalizzazzjoni. F'dan ir-rigward, hija essenzjali kooperazzjoni effettiva mal-Kummissarju għall-baġit sabiex jiġu żgurati r-riżorsi finanzjarji meħtieġa f'dan il-qasam li spiss jingħata inqas prijorità.

Liema politiki jew inizzjattivi legali speċifiċi qed jiġu kkunsidrati mill-Kummissarju nnominat biex jittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja (anke fil-kuntest tad-Direttiva SLAPP adottata reċentement), il-kooperazzjoni gudiżzarja tal-liġi ċivili, b'mod partikolari fir-rigward tal-infurzar transfruntier tas-sentenzi, l-implikazzjonijiet transfruntiera tar-rimedju kollettiv fir-rigward ta' elementi tal-liġi internazzjonali privata, il-liġi transfruntiera tal-familja (inkluż ir-rikonoxximent tal-paternità), l-armonizzazzjoni tar-regoli proċedurali, id-diġitalizzazzjoni ulterjuri tas-sistemi gudiżzarji u tal-ġudikatura, b'enfasi partikolari fuq l-użu akbar tal-IA u soluzzjonijiet oħra tat-teknoloġija legali, b'mod li jkun kompatibbli mal-prinċipji ġenerali tal-istat tad-dritt, il-prinċipji tal-indipendenza gudiżzarja u t-trasparenza proċedurali, id-deregolamentazzjoni, il-finanzjament xieraq, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri, it-tiħiħ tat-taħriġ gudiżzarju u t-tiħiħ tar-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi?

L-UE tibbenefika minn leġiżlazzjoni komprensiva tal-UE f'materji ċivili, familjari u kummerċjali li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni gudiżzarja transfruntiera bejn l-Istati Membri. Tittratta kwistjonijiet ta' ġuriżdizzjoni, liġi applikabbli, rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi, prattikament fl-oqsma kollha tal-liġi ċivili u kummerċjali inklużi l-insolvenza, id-divorzju, ir-responsabbiltà tal-ġenituri, il-manteniment u s-suċċessjonijiet. L-UE għandha wkoll strumenti ta' regoli uniformi komuni dwar in-notifika ta' dokumenti u l-kumpilazzjoni ta' xhieda u ħolqot xi "proċeduri Ewropej" simplifikati u rapidi għal ċerti sitwazzjonijiet transfruntiera, biex insemmu biss ftit eżempji.

Din hija storja ta' suċċess għaċ-ċittadini u n-negozji Ewropej. Jekk niġi kkonfermat, beħsiebni nkompli din il-ħidma.

Jekk jiġi kkonfermat, l-ewwel kontribut se jkun li nassisti biex jiġu konklużi n-negozjati interistituzzjonali pendent li għaddejjin dwar il-proposti li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-adulti, ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur, iċ-ċessjoni tal-kreditu u l-insolvenza, b'din tal-aħħar tkun kruċjali għad-deċizzjonijiet ta' investment.

Biex inwitti t-triq għall-futur, inqis li issa huwa l-waqt biex wieħed iħares lejn viżjoni ġenerali għall-futur tad-dritt ċivili. Se nesplora proċess ta' livell għoli dwar il-ġustizzja għat-*tkabbir*, biex nara kif dan il-qasam ta' politika, flimkien mal-liġi tal-kumpaniji, jista' jikkontribwixxi għat-tiġid tat-*tkabbir* u l-kompetittività u biex jitneħħew aktar l-ostakli fl-UE. Forum bħal dan jinvolvi lill-Parlament Ewropew, lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati tal-industrija.

L-għan tiegħi huwa li ntejjeb l-aċċess għall-ġustizzja kemm għaċ-*ċittadini* kif ukoll għan-negozji fl-UE kollha. Nemmen bis-*sħiħ* li *ċ-ċittadini* u n-negozji m'għandhomx jiġu skoraġġuti milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom minħabba l-inkompatibbiltà tas-sistemi legali u ġudizzjarji fl-Istati Membri. Kif stabbilit hawn fuq għall-politika tal-konsumatur, f'dan il-qasam ukoll, se niffoka fuq il-monitoraġġ mill-qrib u l-iżgurar tal-applikazzjoni korretta tal-acquis eżistenti u l-immodernizzar fejn meħtieġ. Iż-*żamma* tal-istrumenti aġġornati mal-aħħar żviluppi, inkluża d-diġitalizzazzjoni, filwaqt li fl-istess ħin tiġi pprovduta ċertezza legali b'regoli stabbli, hija prijorità. Se nkun qiegħed nanalizza wkoll il-*ħtieġa* li neżamina mill-*ġdid* l-istandards proċedurali eżistenti fil-kuntest ta' dawn ir-rieżamijiet, b'mod partikolari biex jissaħħa aktar ir-rikonossiment reċiproku tas-sentenzi.

Nara ambitu għal *ħidma* kreattiva u *ġdida* dwar l-implimentazzjoni, filwaqt li naturalment inżomm l-alternattiva ta' proċedimenti ta' *ksur* jekk ikun meħtieġ. Il-*leġiżlazzjoni* ewlenija tinkludi pereżempju d-direttiva l-*ġdida* dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika ("*id-Direttiva* kontra s-SLAPP). Biex ngħinu li-*ċittadini*, lin-negozji u lill-professjonisti tal-ġustizzja, se naħdem biex intejbu l-faċilità tal-użu tal-informazzjoni relatata mal-ġustizzja u l-*għodod* diġitali fuq il-Portal tal-Ġustizzja Elettronika. Prijorità oħra hija t-tiġid u s-sensibilizzazzjoni dwar l-appoġġ approvdut min-*Network* Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali bħala attur ewlieni li jiffaċilita l-kooperazzjoni ġudizzjarja prattika bejn l-Istati Membri.

Fil-qasam tal-liġi tal-familja, l-intenzjoni tiegħi hija li niżviluppa aktar il-kooperazzjoni ġudizzjarja, b'mod partikolari bl-adozzjoni tal-proposta pendenti dwar ir-rikonossiment tal-paternità, u li niżgura infurzar uniformi u effettiv tal-acquis kollu.

Il-*leġiżlazzjoni* nnifisha, minbarra li kontinwament tfittex li ttejjeb l-implimentazzjoni, jeħtieġ li tkun moderna u aġġornata. Jekk niġi kkonfermat, se nanalizza l-applikazzjoni u jekk hemmx b'żonn ta' rieżami tar-Regolament Brussell Ia dwar il-*ġurisdizzjoni* u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi, u r-Regolament Ruma II dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi mhux kuntrattwali, billi nibda bl-adozzjoni ta' rapporti dwar l-applikazzjoni ta' dawn iż-*żewġ* Regolamenti, ippjanata kmieni s-sena d-dieħla. Dawn l-istrumenti huma komponenti kruċjali ta' suq intern li jiffunzjona peress li jiżguraw qafas stabbli u prevedibbli għan-negozji u l-konsumaturi fi tranżazzjonijiet kummerċjali transfruntiera. Regoli uniformi u sempliċi f'dan il-qasam huma ta' importanza partikolari għall-SMEs li jixtiequ jinneozjaw fuq kull naħa tal-fruntieri. Dawn ir-regoli jeħtieġ li jkunu adattati għall-iskop tagħhom u jżommu l-pass ma' ambjent teknoloġiku u legali li qed jinbidel. L-isfidi ppreżentati pereżempju minn rimedju kollettiv, kawżi abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPPs), tranżazzjonijiet f'ambjent online u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali jirrikjedu attenzjoni partikolari fix-xogħol tagħna.

Id-diġitalizzazzjoni ta' proċedimenti ġudizzjarji ulterjuri tista' tippermetti lill-Istati Membri, li-*ċittadini*, kif ukoll lill-kumpaniji, speċjalment lill-SMEs, ikunu aktar produttivi u jiffrankaw il-kostijiet, filwaqt li jikkontribwixxu għat-tiġid tas-Suq Uniku u jippermettu spazju Ewropew reali tal-ġustizzja. Jekk niġi kkonfermat, beħsiebni nressaq Strateġija *ġdida* dwar il-Ġustizzja Diġitali biex nipprovdni lill-professjonisti tal-ġustizzja b'għodod diġitali tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, inkluż il-promozzjoni tal-IA, biex il-ġustizzja ssir aktar effiċjenti – filwaqt li nibqa' konxju bis-*sħiħ* tal-*ħtieġa* ta' rispett *sħiħ* għad-drittijiet fundamentali u l-valuri tal-UE. Dan se jimxi id f'id mat-taħriġ ġudizzjarju biex jittejjeb l-*ħiliet* diġitali. Beħsiebni niddiskuti magħkom, kif ukoll mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati, il-mod kif dan jista' jinkiseb. Huwa minnu li din il-*ħidma*, fil-livell nazzjonali u tal-UE, jeħtieġ li jkollha riżorsi tajbin biex taqdi l-għan tagħha li tappoġġa t-taħriġ ġudizzjarju, ittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja u ssaħħa il-kooperazzjoni ġudizzjarja.

7. It-28 Reġim (tal-Kumpaniji)

Ir-rapport Draghi ppubblikat reċentement dwar "*Il-Futur tal-Kompetittività Ewropea*" jipproponi li jiġi stabbilit statut legali *ġdid* għall-UE kollha għal negozji *ġodda* innovattivi, il-"*Kumpanija Ewropea Innovattiva*", li jkollha identità diġitali unika valida fl-UE. Tali kumpaniji jibbenefikaw minn *għadd* ta' *arranġamenti* legali, inklużi regoli armonizzati dwar il-liġi korporattiva u l-insolvenza. Jidher li l-*Kumpanija Ewropea Innovattiva* hija riflessa fl-*ittra* ta' *missjoni* tiegħek bit-tħabbira tal-*hekk* msejjaħ it-28 Reġim għall-kumpaniji innovattivi li jwassal għall-*ħolqien* ta' *qafas* legali fakultattiv addizzjonali li l-kumpaniji madwar l-UE jistgħu jagħżlu li jadottaw u li jippermetti li tingħeleb il-frammentazzjoni attwali bejn is-27 sistema nazzjonali.

Skont dan it-28 Reġim, l-Istati Membri parteċipanti jistgħu jarmonizzaw oqsma ewlenin bħal-liġi korporattiva, il-liġi tal-insolvenza, il-liġi tax-xogħol, u t-tassazzjoni, filwaqt li joffru lill-kumpaniji ambjent legali konsistenti fuq kull naħa tal-fruntieri. Dan ir-reġim jopera flimkien mal-oqfsa nazzjonali eżistenti, u jipprovi sett fakultattiv u unifikat ta' regoli li l-kumpaniji jistgħu jagħżlu volontarjament jekk isibuh aktar vantaġġuż.

Sabiex tirnexxi fit-28 Reġim jeħtieġlek (i) taġixxi biex ittejjeb il-kompetittività u l-produttività; (ii) tiżgura li l-att leġiżlattiv aħħari jikkontribwixxi tabilħaqq għas-simplifikazzjoni għan-negozji, ikun attraenti u magħżul b'mod effettiv mill-kumpaniji, iġib valur miżjud reali għall-qafas leġiżlattiv attwali u jiżgura korrelazzjoni ma' proposti pendenti bħall-proposta ta' Diċembru 2022 għal direttiva biex tarmonizza ċerti aspetti tal-liġi dwar l-insolvenza; (iii) tikkunsidra li l-proposta ta' Diċembru 2022 għal direttiva biex jiġu armonizzati ċerti aspetti tal-liġi dwar l-insolvenza għandhiex tiġi sostitwita b'waħda ġdida li tkopri wkoll il-Kumpaniji Ewropej Innovattivi; (iv) tiċċara jekk it-28 Reġim għandux jikkonċerna n-negozji b'mod ġenerali jew in-negozji innovattivi biss; u barra minn hekk (v) tegħleb it-tħassib tal-Istati Membri li wassal għall-falliment ta' inizjattivi simili fil-passat. Jekk il-ħatra tiegħek bħala Kummissarju tiġi kkonfermata kif biħsiebek tikseb dan kollu?

Ninsab kument bl-enfasi politika qawwija fuq l-approfondiment tas-Suq Uniku, li tagħmilha aktar faċli li jsir negozju, li jitneħħew l-ostakli u li tiġi sfruttata bis-sħiħ l-iskala ta' suq ta' 450 miljun konsumatur. Jekk niġi kkonfermat, wieħed mill-oġettivi prijoritarji tiegħi, f'konformità mal-Linji Gwida Politiċi, se jkun li nikkontribwixxi għall-kompetittività tal-UE u li "nagħmlu n-negozju aktar faċli u aktar mgħaġġel fl-Ewropa", b'enfasi partikolari fuq it-tnaqqis tal-piż amministrattiv. Bħala inizjattiva ewlenija, se nipprepara proposta speċifika dwar status legali ta' kumpanija fl-UE kollha – it-28 reġim – bl-għan li nġhinu lill-kumpaniji innovattivi jikbru.

Dan it-28 reġim joffri lill-kumpaniji għażla li jwettqu l-attivitajiet tagħhom fis-Suq Uniku kollu permezz ta' status legali għall-UE kollha minflok ma jkollhom jadottaw forom legali nazzjonali fl-Istati Membri fejn jixtiequ jagħmlu negozju. Jenħtieġ li t-28 reġim jinftiehem bħala element wieħed f'sett usa' ta' miżuri meħtieġa biex tingħata spinta lill-innovazzjoni, il-kompetittività u l-produttività tal-ekonomija tal-UE. Il-miżuri marbuta ma' dan it-28 reġim, li jmorru lil hinn mill-forma legali tal-kumpanija, jistgħu jkopru, pereżempju, l-aċċess għas-swieq, għall-finanzjament, għall-ħiliet, għall-kopertura tal-assigurazzjoni, għar-regoli dwar il-kuntratti, għat-tassazzjoni, għall-insolvenza, sabiex jiġu indirizzati l-aspetti l-aktar essenzjali kollha tal-attività korporattiva għal tali kumpaniji. Il-benefiċċji jkun proporzjonalment akbar għal kumpaniji iżgħar b'inqas riżorsi finanzjarji u umani biex jinnavigaw xenarju legali frammentat.

Naf sew li tentattivi preċedenti biex jiġi stabbilit status ta' kumpanija Ewropea kienu diffiċli. Iżda mill-2019, l-acquis tal-UE dwar il-liġi tal-kumpaniji żviluppa b'mod sinifikanti, bi proċeduri kompletament online (biex tiġi stabbilita kumpanija, biex jiġu rreġistrati l-fergħat u biex tiġi sottomessa informazzjoni obligatorja lir-reġistri kummerċjali), l-applikazzjoni tal-"prinċipju ta' darba biss" meta l-kumpaniji jstabbilixxu sussidjarji u fergħat fi Stati Membri oħra, u proċeduri armonizzati għall-mobbiltà transfruntiera tal-kumpaniji tal-UE (jiġifieri fużjonijiet, diviżjonijiet u konverżjonijiet transfruntiera) inklużi salvagwardji għall-impjegati u kontra l-abbuż. Dawn l-iżviluppi jindirizzaw xi tħassib li impedixxa inizjattivi preċedenti, u dan jista' jwitti t-triq għal ftehim dwar it-28 reġim ġdid.

Beħsiebni nibni fuq soluzzjonijiet diġà eżistenti bħal identità unika għall-kumpaniji permezz ta' Identifikatur Uniku Ewropew ibbażat fuq reġistrazzjoni unika u Ċertifikat tal-Kumpaniji tal-UE diġitali u multilingwi armonizzati ġdid li jista' jintuża fis-sitwazzjonijiet transfruntiera kollha u li huwa kompatibbli mal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali. Dan l-approċċ huwa konformi mas-sejħa li saret fir-rapport Draghi. Fit-tnejn tal-proposta, se jkun importanti li tiġi żgurata l-koerenza ma' inizjattivi oħra biex jiġu appoġġati kumpaniji innovattivi mħabbra fil-Linji Gwida Politiċi jew fl-ittri ta' missjoni tal-kollegi tiegħi, bħall-Att Ewropew dwar l-Innovazzjoni jew l-Istrateġija tas-Suq Uniku li jmiss. Nistenna bil-ħerqa li naħdem ma' Kummissarji oħra biex niksbu dan l-għan.

Minkejja din id-dinamika, għandna nikkunsidraw bir-reqqa liema kwistjonijiet jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv mit-28 reġim. Waħda mill-mistoqsijiet ewlenin li għandha tiġi kkunsidrata tabilħaqq se tkun dwar l-ambitu tat-28 reġim, jiġifieri jekk għandux ikun disponibbli għall-kumpaniji kollha jew għal dawk innovattivi biss u li fi kwalunkwe każ, il-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dan l-istatus għandhom ikunu ċari. Għalija huwa ċar li din il-kwistjoni teħtieġ li tiġi diskussa aktar fil-fond mal-Parlament Ewropew, il-komunità tan-negozju, l-imsieħba soċjali, l-Istati Membri u partijiet interessati oħra fil-kuntest ta' proċess ta' livell għoli dwar il-ġustizzja għat-tkabbir. Dan se jippermettilna nidentifikaw liema problemi jiffaċċjaw il-kumpaniji — b'mod partikolari dawk innovattivi — fis-Suq Uniku u kif l-aħjar nindirizzawhom.

Fir-rigward tal-insolvenza, il-frammentazzjoni tal-liġi dwar l-insolvenza madwar l-Istati Membri tabilħaqq tikkostitwixxi wieħed mill-ostakli ewlenin għal Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU) vera. Dan jimpedixxi l-investment transfruntiera u l-aċċess għall-kapital bl-aktar kundizzjonijiet favorevoli għall-kumpaniji. Il-proposta tal-Kummissjoni tal-2022, bħala element ewlieni tal-Pjan ta' Azzjoni tas-CMU, għandha l-għan li tindirizza s-sitwazzjoni attwali permezz ta' armonizzazzjoni mmirata. Peress li l-armonizzazzjoni hija indispensabbli b'mod ġenerali, ninsab fiduċjuż li l-proposta se ttejjeb is-sitwazzjoni għall-kumpaniji kbar u żgħar kollha. Se jkun ukoll ta' benefiċċju partikolari għan-negozji ġodda permezz tal-proċedura ssimplifikata ta' insolvenza proposta għall-intrapriżi ż-żgħar. Il-Kunsill Ewropew ta' April 2024 identifika din il-proposta bħala prijorità u appella għall-adozzjoni rapida tagħha. Naqbel ma' din il-valutazzjoni, u se nkun qiegħed nagħmel pressjoni biex isir progress rapidu fin-negozjati. Nittama li l-Parlament dalwaqt jadotta wkoll opinjoni li tappoġġja l-proposta.

8. Politiki diġitali

Id-9 leġiżlatura kienet ikkaratterizzata mill-adozzjoni ta' bosta atti fil-qasam diġitali: l-Att dwar l-IA, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, l-Att dwar is-Swieq Diġitali, l-Att dwar id-Data, biex insemmu biss xi wħud. Fi ħdan il-kompetenza tiegħu fir-rigward tal-liġi ċivili, proċedurali u tal-proprjetà intellettwali, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali kkontribwixxa opinjonijiet importanti dwar dawk il-fajls. Barra minn hekk, huwa kien responsabbli għar-Regolament eCodex (ir-Regolament (UE) 2022/850), għall-Pakkett dwar id-diġitalizzazzjoni tal-Ġustizzja (id-Direttiva (UE) 2023/2843 u r-Regolament (UE) 2023/2844) u għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti (2022/0302(COD)) biex tiġi adattata kemm għall-ekonomija ċirkolari kif ukoll għal dik diġitali. Minbarra l-kontrolli regolari tal-idoneità tal-istrumenti legali fis-seħħ, għad fadal ħafna xi jsir, pereżempju fir-rigward tal-wirt diġitali, il-kuntratti intelliġenti u l-organizzazzjonijiet awtonomi deċentralizzati, id-dinjiet virtwali u, speċjalment fid-dawl tar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2020 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar reġim ta' responsabbiltà ċivili għall-intelliġenza artifiċjali (2020/2014(INL)), il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-IA. X'inhuma l-miżuri li biħsiebek tniedi biex timplimenta l-leġiżlazzjoni msemmija hawn fuq, biex tindirizza l-lakuni regolatorji li fadal u biex tiżgura l-ġustizzja diġitali u li d-drittijiet taċ-ċittadini jiġu rispettati u li n-negozji u l-amministrazzjonijiet nazzjonali ma jiġux mifnija minn piżijiet amministrattivi u burokrazija żejda?

Huwa minnu li f'dawn l-aħħar snin ġew adottati liġijiet ġodda rivoluzzjonarji fl-isfera diġitali. Dan ipoġġi lill-UE minn ta' quddiem nett, iġib ċertezza u jippermetti innovazzjoni li tippreserva l-approċċ tal-UE ċċentrat fuq il-bniedem u bbażat fuq il-valuri. Wasal iż-żmien li dan jinbidel f'benefiċċji reali għan-nies u għall-kumpaniji. L-implimentazzjoni tal-ġabra ta' regoli diġitali tal-UE adottata reċentement se tkun prijorità għall-Kummissjoni l-ġdida biex tiżgura li din twassal għal titjib sinifikanti u konkret.

Biex nappoġġja l-implimentazzjoni tal-Att dwar id-Data, se nappoġġja l-ħidma fuq ir-Rakkomandazzjoni għal klawżoli kuntrattwali mudell għall-kondiviżjoni tad-data u l-cloud computing, li se jiġu ppreżentati s-sena d-dieħla. Dawn il-klawżoli mudell volontarji se jgħinu lill-kumpaniji, b'mod partikolari lill-SMEs, biex japplikaw l-Att dwar id-Data. Huwa importanti li jiġi mmonitorjat kif dawn il-klawżoli jikkontribwixxu għall-Unjoni Ewropea tad-Data u jekk hijiex meħtieġa aktar azzjoni dwar il-kondiviżjoni tad-data.

Huma meħtieġa diversi azzjonijiet biex nikkontribwixxi għall-applikazzjoni sħiħa tal-Att dwar l-IA fil-qasam tal-ġustizzja, u jekk niġi kkonfermat, beħsiebni nieħu azzjoni f'dawn l-oqsma. Hija meħtieġa gwida mmirata għall-Istati Membri biex jikklassifikaw l-għodod differenti fil-kategoriji tar-riskju tal-Att dwar l-IA u jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti tiegħu. Skambju tal-aħjar Prattiki, l-iżvilupp ta' sett ta' għodod, u finanzjament immirat tal-UE jappoġġaw l-użu effettiv tal-għodod tal-IA mill-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Istati Membri.

Madankollu, ġew identifikati ċerti lakuni fil-qafas legali, b'mod partikolari fir-rigward tar-responsabbiltà għall-ħsara kkawżata mill-IA. Fid-dawl tal-konklużjoni tan-negozjati dwar id-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti, jien għalhekk impenjajt ruħi li nħares mill-qrib lejn ir-raġunijiet għad-diverġenzi attwali bejn il-koleġiżlaturi fin-negozjati dwar il-proposta għad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-IA. Ir-riżoluzzjoni u l-istudju reċenti tal-Parlament huma kontributi importanti f'dan ir-rigward.

Bil-ħsieb li jiġu appoġġati mudelli ta' negozju diġitali innovattivi li qed jużaw l-ikkuntrattar tal-IA u l-kuntratti intelliġenti, se tkun meħtieġa analiżi dwar kif l-aħjar titqies il-Liġi Mudell tan-NU tal-2024 dwar il-Kuntratti Awtomatizzati u jekk iva, jekk dan għandux isir fil-livell tal-UE jew fil-livell nazzjonali.

Fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur, il-leġiżlazzjoni diġitali reċenti gābet titjib sinifikanti. Madankollu, għad hemm għadd ta' lakuni kif enfasizzat mill-Kontroll tal-Idoneità tal-Ġustizzja Diġitali reċenti. Jekk niġi kkonfermat, beħsiebni nwieġeb għal dawn il-lakuni billi nipproponi Att dwar il-Ġustizzja Diġitali biex nindirizza

t-tħassib pendenti relatat ma' dark patterns, influwenzaturi tal-media soċjali, disinn li joħloq dipendenza tal-interfaċċi min-negozju għall-konsumatur u kuntratti online.

Abbażi tal-ħidma li għaddejjja tal-Kummissjoni biex timplimenta l-inizjattiva dwar il-Web 4.0 u d-Dinjiet Virtwali u s-suġġerimenti tagħkom għal kwistjonijiet regolatorji fid-dritt internazzjonali privat u ċivili biex id-Dinjiet Virtwali jiġu indirizzati, mistenna bil-ħerqa li niddiskuti magħkom kif jista' jiġi żgurat li d-dinjiet virtwali jkunu jistgħu jiżviluppaw b'mod li jirrifletti l-valuri, il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali tal-UE. Se nimmonitorja l-kwistjoni tal-wirt diġitali, fil-bieċa l-kbira rregolat mil-liġi nazzjonali, u se nivvaluta l-ħtieġa possibbli għal regoli tal-UE inkluż fil-kuntest tar-Regolament dwar is-Suċċessjoni.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għal- Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

9. Id-drittijiet fundamentali, is-soċjetà ċivili, u l-protezzjoni tad-data

Bħala l-Kummissarju responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kif se timpenja ruħek mal-Istati Membri biex tiżgura l-promozzjoni u r-rispett tad-drittijiet fundamentali, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE u tal-QEDB? Tipprevedi aktar miżuri biex tiġi żviluppata r-rabta bejn ksur potenzjali tal-Karta u tal-prinċipji tad-demokrazija u l-baġit tal-UE? Se tinvolvi ruħek f'rappurtar annwali lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni tal-Karta? X'azzjonijiet tipprevedi biex issaħħaħ il-protezzjoni tal-ispazju ċiviku, inkluż permezz tal-fergħa tal-valuri tal-Unjoni tal-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u l-Pjattaforma l-ġdida tas-Soċjetà Ċivili prevista fl-ittra ta' missjoni tiegħek? X'inhuma l-pjanijiet tiegħek biex tiżgura l-effiċjenza u t-trasparenza tal-finanzjament tal-UE għas-soċjetà ċivili? Meta wieħed iqis is-sentenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża EULEX Kosovo, x'inhom l-strateġija tiegħek għat-tlestija tal-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem?

Kif se tiżgura li l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali tingħata r-riżorsi li teħtieġ biex twettaq il-kompiti kollha skont il-mandat tagħha? Se timpenja ruħek li l-FRA tiġi kkonsultata b'mod sistematiku fit-tfassil tal-liġijiet u fil-valutazzjonijiet tal-impatt f'oqsma li jindirizzaw jew li għandhom impatt fuq id-drittijiet fundamentali?

Il-protezzjoni tad-data hija waħda mid-drittijiet fundamentali fl-ordni legali tal-UE u l-GDPR huwa l-aktar għodda b'saħħiha tal-UE biex tissalvagwardjaha. B'mod ġenerali, kif tara l-infurzar tal-GDPR, b'mod partikolari f'każijiet transfruntiera? Kif tara r-relazzjoni bejn l-infurzar tal-GDPR u l-infurzar ta' liġijiet diġitali oħra tal-UE, bħall-Att dwar is-Servizzi Diġitali, l-Att dwar is-Swieq Diġitali u l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali? Fir-rigward tal-intelliġenza artifiċjali, fil-fehma tiegħek, kif għandha tidher ir-relazzjoni bejn is-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali u t-trawwim tal-innovazzjoni? Taħseb li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data tissodisfa b'mod effiċjenti l-għan tagħha fiż-żmien tal-lum jew taħseb li hemm bżonn ta' riflessjoni dwar dik il-kwistjoni? Minħabba t-tħassib preċedenti tal-Parlament dwar diversi deċiżjonijiet ta' adeguatezza tal-Kummissjoni Ewropea, u għadd ta' sentenzi rilevanti tal-QĠUE, x'inhuma l-pjanijiet tiegħek fir-rigward tal-flussi internazzjonali tad-data personali? Kif qed tippjana li tindirizza dan it-tħassib, filwaqt li tqis l-importanza tal-flussi tad-data globali għall-kumpaniji tal-UE? Kif tara r-rwol tal-Kummissjoni fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data personali?

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju għad-Demokrazija, il-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt, jiena nqis bħala l-kompitu tiegħi li niżgura li kuljum, kull ċittadin tal-UE, jgħix fejn jgħix fl-UE, igawdi l-istess drittijiet fundamentali bbażati fuq il-valuri li jridu jkunu fil-qalba tal-ħidma tagħna: l-ugwaljanza, in-nondiskriminazzjoni, l-inklużjoni, id-dinjità tal-bniedem, il-libertà u d-demokrazija msejsa fuq il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Biex issaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE, il-Kummissjoni stabbiliet strateġija fl-2020 li ssegwi t-talbiet mill-Parlament Ewropew u mill-Istati Membri għal monitoraġġ aktar b'saħħtu tal-Karta. Din hija sfida konġunta kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-UE, li jekk niġi kkonfermat, se nkun impenjat bis-siħ lejha. Beħsiebni nagħmel l-aħjar użu minn dak li diġà ksibna: Il-punti fokali tal-Karta tal-Istati Membri għandhom rwol importanti biex jiffaċilitaw il-fluss tal-informazzjoni (ġew innominati 26 punt fokali) u l-Kummissjoni tappoġġa wkoll lill-Istati Membri fit-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE permezz ta' gruppi ta' esperti. Se nkompli nappoġġa u ninvesti fit-taħriġ u r-riżorsi dwar il-Karta, inkluż f'kooperazzjoni mal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, li huma ta' benefiċċju għall-prattikanti u l-uffiċjali nazzjonali.

Li nkunu nafu fejn ninsabu huwa punt tat-tluq ewlieni. Mill-2021, ir-rapporti annwali dwar l-applikazzjoni tal-Karta jipprovdu ħarsa ġenerali lejn oqsma tematiċi differenti ta' rilevanza strateġika għad-drittijiet fundamentali, filwaqt li jenfasizzaw id-dritt u l-politika applikabbli tal-UE, u l-kisbiet u l-isfidi fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri. Ninsab lest li nkompli nippreżenta dawn ir-rapporti annwali lill-Parlament u jkollu skambji magħkom dwar il-

kisbiet u l-isfidi identifikati fil-qasam ta' politika magħżul kif ukoll dwar ir-riżoluzzjoni li intom tadottaw kull sena dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE. Din tkun tema importanti għar-rappurtar annwali tiegħi dwar l-implimentazzjoni.

Nemmen li jeħtieġ ukoll li naraw il-monitoraġġ tal-Karta f'kuntest usa'. L-applikazzjoni tal-Karta hija parti integrali mill-monitoraġġ kumplessiv tal-Kummissjoni tal-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE mill-Istati Membri u tal-konformità mas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-biċċa l-kbira tad-drittijiet fundamentali tal-Karta jikkorrispondu għad-drittijiet minquxa fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa. Din ir-rabta hija r-raġuni li, mill-2023, ir-Rapporti dwar l-Istat tad-Dritt iħarsu lejn ir-rata ta' implimentazzjoni tas-sentenzi ewlenin tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Għalkemm mhuwiex f'idejn il-Kummissjoni iżda f'idejn l-organi tal-Kunsill tal-Ewropa li jsegwu l-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-grad ta' implimentazzjoni ta' dawn is-sentenzi huwa indikatur għall-funzjonament tal-istat tad-dritt, speċjalment jekk it-tħassib strutturali jew sistemiku jibqa' ma jgħix indirizzat.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-baġit tal-UE u r-rispett tad-drittijiet fundamentali, il-kundizzjoni abilitanti orizzontali dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-Karta (Karta HEC) tiżgura li l-fondi tal-UE jintefqu b'rispett sħiħ tal-Karta. Il-Linji Gwida Poliċi jindikaw il-ħtieġa għal baġit li jħalli impatt għall-QFP li jmiss, filwaqt li jħarsu lejn kif id-diversi tipi ta' inċentivi jistgħu jissaħħu. Il-Linji Gwida jikkonfermaw li r-rispett tal-istat tad-dritt huwa rekwiżit għall-fondi tal-UE. Se tingħata importanza għall-iżgurar tal-koerenza bejn l-istrumenti baġitarji tagħna u l-azzjonijiet relatati, u se naħdem flimkien mal-Kummissarji sħabi biex nesploraw kif l-aħjar nimmassimizzaw l-impatt.

L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għandhom rwol ewleni fil-protezzjoni u l-promozzjoni tal-valuri tal-UE tad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt u d-demokrazija. Jekk niġi kkonfermat, se nintensifika l-ħidma tal-Kummissjoni biex nippermetti spazju ċiviku b'saħħtu fl-Ewropa, inkluż permezz ta' finanzjament immirat biex jiġu appoġġati u protetti l-atturi tas-soċjetà ċivili. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem huma kruċjali għall-funzjonament tajjeb tad-demokraziji tagħna u għall-promozzjoni u l-protezzjoni tal-valuri komuni tal-UE minquxa fit-Trattati tal-UE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, filwaqt li jgħinu biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-istat tad-dritt fil-prattika. Madankollu, hemm evidenza li l-isparju għas-soċjetà ċivili qed jiċkien madwar l-UE. Se nintensifika l-involviment tagħna mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz ta' Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili biex nappoġġa djalogu ċivili aktar sistematiku dwar kwistjonijiet relatati mal-valuri tal-UE. Dan se jipprovdi qafas uniku għall-parteċipazzjoni f'firxa ta' politiki tal-UE. Se nħares ukoll lejn kif nistgħu ninvolvu lis-soċjetà ċivili b'mod aktar strateġiku fil-ħidma tal-Kummissjoni b'mod sinifikattiv u effettiv, inkluż bħala parti mill-ħidma fuq it-Tarka għad-Demokrazija.

Barra minn hekk, se neżamina modi biex nagħmlu l-appoġġ li qed nipprovdu dwar il-promozzjoni tad-drittijiet u l-valuri billi nagħtu aktar setgħa lis-soċjetà ċivili, aktar stabbli u fit-tul. Pereżempju, nistgħu nindirizzaw is-sistemi eżistenti, li xi drabi jkun soġġetti għal trikkib, biex iwettqu monitoraġġ tal-ambjent li fih dawn l-atturi jaħdmu fil-livell nazzjonali u naħdmu aktar mill-qrib mal-Istati Membri biex niproteġu aħjar l-ambjent li fih joperaw l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-livell nazzjonali u tal-UE.

Il-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV) jipprovdi appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari permezz tal-fergħa tiegħu tal-Valuri tal-Unjoni. Dan jirrikjedi wkoll sistema ta' ġestjoni u monitoraġġ tar-riskju bir-reqqa f'kull stadju tal-proċess — l-għażla, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni — kif ukoll matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' kull proġett, u parti mill-impatt tiegħu saret b'konsegwenza tal-ftuħ u tat-trasparenza tal-funzjonament tiegħu. Huwa importanti wkoll li jiġi żgurat li l-finanzjament minn dawn il-programmi ma jispiċċax f'idejn żbaljati.

Fir-rigward tal-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, is-sentenza Eulex Kosovo tal-10 ta' Settembru 2024 tirrappreżenta pass sinifikanti 'l quddiem li jqarreb lill-UE biex issir parti għall-Konvenzjoni. Is-sentenza pprovdiet aktar ċarezza dwar l-aspetti tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u issa jeħtieġ li niddiskutu l-implikazzjonijiet tagħha mal-Istati Membri. Għad hemm ħafna passi li jridu jittieħdu, inkluża Opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà sħiħa tal-ftehim rivedut mat-Trattati, l-approvazzjoni tal-Kunsill, il-kunsens tal-Parlament Ewropew u l-approvazzjoni mill-Istati Membri f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom. Madankollu, inqis li ninsabu eqreb minn qatt qabel biex niksbu dan l-istadju importanti għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ewropa u nistenna bil-ħerqa li dan l-impenn jiġġedded biex naħsdu l-frott tal-ħidma tagħna.

Nemmen li l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) tat prova li hija attur kruċjali fil-ħidma kumplessiva biex jiġu appoġġati d-drittijiet fundamentali. Għandna nkomplu nibbażaw fuq l-għarfien espert siewi tal-FRA meta nwertqu valutazzjonijiet tal-impatt u nħejju inizjattivi biex niżguraw li l-proposti tal-Kummissjoni jissodisfaw l-oġhla standards tad-drittijiet fundamentali. Nilqa' wkoll b'sodisfazzjon kbir il-fatt li l-istituzzjonijiet kollha jistgħu jfittxu l-parir tal-FRA hekk kif ikun hemm progress fil-leġiżlazzjoni.

Fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data*, l-infurzar effettiv tar-regoli tal-UE huwa essenzjali biex jiġi ggarantit id-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data* personali fl-UE. Jien impenjat bis-sħiħ għal azzjoni ta' infurzar f'każijiet transfruntiera fuq skala kbira, fejn hija affettwata d-*data* personali ta' miljuni ta' Ewropej. Din hija r-raġuni għaliex qed nistenna bil-ħerqa li ninvolvi ruħi mal-koleġiżlaturi biex nikseb adozzjoni rapida tal-proposta tal-Kummissjoni dwar ir-regoli proċedurali tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR). Dan jappoġġa l-infurzar robust u effiċjenti tal-GDPR mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* f'każijiet kbar u kumplessi, u jgħin biex jintlaħaq kunsens dwar kwistjonijiet ewlenin fi stadju bikri fil-każ. L-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* jsibuha aktar faċli li jtemmu malajr il-ksur, iżommu responsabbli lil dawk li jiksru r-regoli, u jipprovdu rimedji għall-individwi.

Kif iddikjarat fl-ittra ta' missjoni tiegħi, se niżgura li l-GDPR jibqa' konformi mat-trasformazzjoni diġitali u jwieġeb għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu, inklużi s-sigurtà u l-kompetittività.

L-UE adottat firxa ta' inizjattivi mmirati lejn it-tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa. Kull waħda minn dawn l-inizjattivi l-ġodda għandha għan partikolari, pereżempju billi tipprovdi ambjent sikur online jew tagħmel is-swieq diġitali aktar ġusti u aktar kontestabbli. L-ebda waħda minn dawn l-inizjattivi ma għandha l-għan li tirregola l-ipproċessar tad-*data* personali bħala l-oġettiv ewlieni u huwa ċar li l-GDPR jibqa' l-pedament tal-qafas regolatorju diġitali tal-UE għall-ipproċessar tad-*data* personali. Fl-istess ħin, f'xi każijiet, dawn l-inizjattivi l-ġodda jikkomplementaw il-GDPR jew jiċċaraw kif għandu jiġi applikat f'qasam speċifiku, għalhekk huwa kruċjali li jiġu żgurati l-konsistenza u l-koerenza, inkluż fl-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dawn ir-regoli. Għalhekk nemmen li jeħtieġ li nsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar. Hemm diversi inizjattivi għaddejjin f'dan ir-rigward. Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPB) qed jikkontribwixxi b'mod attiv għall-ħidma fuq l-Att dwar is-Swieq Diġitali (DMA). Filwaqt li dawn l-iżviluppi huma pożittivi, nirrifletti aktar dwar kif tista' titrawwem kooperazzjoni aktar strutturata u effiċjenti, b'mod partikolari biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet fejn huma kkonċernati diversi regolaturi. Jien impenjat li nappoġġa l-isforzi kollha biex niżgura l-applikazzjoni u l-infurzar koerenti u komplementari tal-ġabra tar-regoli diġitali kollha, filwaqt li nippreserva l-kompetenza tal-awtoritajiet tal-infurzar rispettivi.

Is-suċċess tal-GDPR, bħala sors ta' ispirazzjoni għal ħafna liġijiet moderni dwar il-privatezza madwar id-dinja joffri opportunitajiet ġodda biex jiġu żviluppati għodod għal trasferimenti sikuri tad-*data*, inklużi deċiżjonijiet ta' adegwatezza ġodda, f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja u żviluppati aktar mill-EDPB. Il-flussi internazzjonali tad-*data* huma element essenzjali fit-trasformazzjoni diġitali tas-soċjetà tagħna u ekonomija diġitali dejjem aktar globali. Ir-rispett tal-privatezza huwa kundizzjoni għal flussi ta' *data* kummerċjali stabbli, siguri u kompetittivi kif ukoll faċilitatur għall-kooperazzjoni internazzjonali f'oqsma bħall-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, il-kooperazzjoni regolatorja, ir-riċerka, biex insemmi xi wħud. Huwa għalhekk li biħsiebni nintensifika t-taħditiet li għaddejjin ma' pajjiżi terzi differenti, pereżempju, il-Brażil u l-Kenja, u li nesplora l-possibbiltà li nniedi negozjati ma' aktar sħab internazzjonali li reċentement adottaw liġijiet dwar il-protezzjoni tad-*data* li jipprevedu livell għoli ta' protezzjoni. Se naħdem ukoll fuq l-iffaċilitar ta' trasferimenti fdati ma' organizzazzjonijiet internazzjonali permezz tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet ta' adegwatezza u/jew l-iżvilupp ta' mekkaniżmi oħra ta' trasferiment ipprovduti mill-GDPR.

Se nkompli niżgura li d-deċiżjonijiet ta' adegwatezza jiġu adottati biss wara li jiġi vvalutat bir-reqqa li jintlaħqu r-rekwiżiti legali rilevanti kollha, b'attenzjoni partikolari għall-eżerċitar effettiv tad-drittijiet mis-suġġetti tad-*data* quddiem awtoritajiet superviżorji u qrati indipendenti, inkluż fil-qasam tal-aċċess tal-gvern għad-*data*. Il-promozzjoni tal-konverġenza internazzjonali madwar standards għoljin ta' protezzjoni se tkun waħda mill-prijoritajiet tiegħi. L-għodod u l-fora eżistenti — bħal, pereżempju, l-“Akkademja tal-Protezzjoni tad-*Data*” tal-Kummissjoni jew in-“Network għall-Adegwatezza” li tnedja dan l-aħħar — jista' jkollhom rwol importanti fil-promozzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni, esperjenza u l-aħjar prattiki bejn l-UE u s-sħab barranin.

10. L-istat tad-dritt u l-libertà tal-media

Bħala Kummissarju responsabbli għall-istat tad-dritt, x'inhum l-pjan tiegħek biex issaħħaħ l-impatt tar-rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt u kif qed tippjana li tindirizza l-impatt tal-istat tad-dritt fuq il-funzjonament tas-Suq Uniku? Kif twieġeb għas-sejħa tal-Parlament għal kamp ta' applikazzjoni mwessa' tar-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt għall-valuri kollha msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE u għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-UE dwar id-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali rregolat minn fehim interistituzzjonali? X'ikunu l-azzjonijiet konkreti tiegħek biex tappoġġja s-sejħa tal-Parlament biex jtkomplew is-seduti ta' smiġħ tal-Artikolu 7 tat-TUE fil-każ tal-Ungerija u qed tikkunsidra li tipproponi riforma ta' din il-proċedura? Inti impenjat li tagħmel użu sħiħ mill-għodod ta' infurzar, b'mod partikolari proċeduri ta' ksur inħaffa, applikazzjonijiet għal miżuri interim quddiem il-QĠUE u azzjonijiet ta' segwitu sistematiċi rigward in-nuqqas ta' implimentazzjoni tas-sentenzi tal-QĠUE? Kif qed tippjana li ssaħħaħ l-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt u l-koerenza ma' atti leġiżlattivi rilevanti oħra? Xi tkun il-pożizzjoni tiegħek fir-rigward tal-issodisfar tal-istadji importanti relatati mal-istat tad-dritt fid-diversi RRs tal-Istati Membri bħala kundizzjoni għall-iżborż tal-finanzjament u kif se tiżgura li t-tneħħija tal-iffriżar tal-fondi ssir biss meta jiġu ssodisfati dawn il-kundizzjonijiet? Kif tikkordina mal-Kummissarji l-oħra (eż. Kummissarju għall-Baġit) bir-responsabbiltà għall-applikazzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet u kif biħsiebek issaħħaħ id-dimensjoni tal-istat tad-dritt fil-QFP li jmiss? X'inhuma l-pjanijiet tiegħek biex issaħħaħ aktar il-protezzjoni tal-media indipendenti, tal-ġurnalisti u tal-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem? X'miżuri tippredvi biex tiżgura l-implimentazzjoni tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media, inkluż dwar il-protezzjoni tas-sorsi ġurnalistiċi u l-komunikazzjoni kunfidenzjali minn sorveljanza invażiva? Se tippreżenta proposta leġiżlattiva biex tiżgura li l-użu ta' għodod ta' sorveljanza invażivi minn atturi pubbliċi u privati jkun konformi mal-istandards demokratiċi, mal-prinċipji tal-istat tad-dritt u mal-Karta, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-PE? Liema proposti ewlenin se jkun fiha t-Tarka Ewropea għad-Demokrazija, inkluż fir-rigward tas-salvagwardja tal-integrità tal-proċessi demokratiċi u l-elezzjonijiet fl-UE? Se tikkunsidra li tipproponi leġiżlazzjoni li tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva SLAPP biex tinkludi l-kawżi kollha SLAPP (inkluż fl-ambitu tal-liġi kriminali)?

L-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali u d-demokrazija huma l-pedament tal-Unjoni tagħna u fid-dinja tal-lum, ilkoll jeħtieġ li nipromwovu, nappoġġaw u niddefendu dawn il-valuri. Kif rikonoxxut fil-Linji Gwida Poliċi, il-futur tagħna se jiddependi fuq li jkollna demokrazija b'saħħha u li niddefendu l-valuri li jippermettulna neżerċitaw id-drittijiet u l-libertajiet tagħna. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nkompli napprofondixxi din il-ħidma kruċjali biex niproteġi d-demokrazija tagħna u nħares il-valuri tagħna, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għas-Sovranità Teknoloġika, is-Sigurtà u d-Demokrazija u Kummissarji responsabbli oħra, u l-Istituzzjonijiet l-oħra tal-UE.

Jiena nikkunsidra r-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt bħala waħda mill-aktar partijiet importanti tas-sett ta' għodod tagħna dwar l-istat tad-dritt. Permezz tal-monitoraġġ sistematiku u oġġettiv tas-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri kollha, dan jikkontribwixxi għat-tisħiħ tat-tħejji tal-Istati Membri, u tal-UE kollha kemm hi, biex kwistjonijiet tal-istat tad-dritt jiġu indirizzati. L-impatt tiegħu wera' b'mod ċar li kien pożittiv, u r-Rapport u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu wrew li huma dejjem aktar effettivi biex jixprunaw riformi konkreti fl-Istati Membri fl-oqsma kollha fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Dan huwa minnu wkoll għall-pajjiżi tat-tkabbir li huma integrati fil-proċess tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt, u li se jiġu inklużi fil-futur, peress li jiżgura li r-riformi mwettqa qabel l-adeżjoni, jiġu sostnuti ħafna wara. Din il-ħidma tista' tissaħħaħ u tiġi kkonsolidata saħansitra aktar, inkluż permezz ta' rabta aktar mill-qrib mal-infiq tal-UE u billi jiġi arrikkit iċ-ċiklu ta' rapportar.

Jekk niġi kkonfermat, se naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għall-Baġit, il-Ġlieda Kontra l-Frodi u l-Amministrazzjoni Pubblika biex insaħħaħ ir-rabta bejn l-appoġġ finanzjarju u r-rakkomandazzjonijiet tal-Istati Membri mir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt u biex inkompli nappoġġa r-riformi tal-istat tad-dritt billi niżgura li l-finanzjament tal-UE jkun jista' jiġi allokat għal miżuri nazzjonali, pereżempju dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE.

Nappoġġa bis-sħiħ ukoll l-għan stabbilit fil-Linji Gwida Poliċi għat-tisħiħ tad-dimensjoni tas-Suq Uniku tar-rapport dwar l-istat tad-dritt. L-istat tad-dritt mhuwiex teoretiku — għandu impatt kritiku fuq il-ħajja taċ-ċittadini f'demokrazija. U għandu impatt enormi fuq il-prosperità tagħna wkoll. Sistemi ġudizzjarji effettivi, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u t-tfassil tajjeb tal-liġijiet taħt kontrolli u bilanċi f'sistema ta' kontrokkontrolli mhumieks biss ċentrali għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u d-demokrazija, iżda għandhom ukoll rilevanza ekonomika diretta, b'effett fuq l-investment, il-kompetittività u l-impjiegi. Għalhekk jagħmel sens li tingħata aktar enfasi lill-kwistjonijiet tal-istat tad-dritt li jaffettwaw lill-kumpaniji li joperaw fis-suq uniku.

Ir-Rapport kien u se jkompli jkun effettiv minħabba li għandu bażi soda u ffukata. Billi diġà jkopri kamp ta' applikazzjoni estensiv u issa saħansitra twessa' aktar bit-tisħiħ tal-aspett tas-Suq Uniku, kwalunkwe estensjoni ulterjuri biex jiġu koperti d-drittijiet fundamentali jew valuri oħra tal-Artikolu 2 TUE jeħtieġ li tiġi eżaminata bir-

reqqa. Jekk niġi kkonfermat, se nimpjenja ruħi mal-Parlament Ewropew dwar kif nistgħu ninvolvu ruħna fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħidma li se nagħmlu biex insaħħu l-applikazzjoni tal-Karta (ara t-tweġiba ta' hawn fuq).

Il-kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew u mal-Kumitat LIBE tiegħu dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali u d-demokrazija hija fundamentali biex il-ħidma tavvanza aktar fil-livell tal-UE. Jekk niġi kkonfermat, ninsab lest li nesplora modi biex insaħħaħ il-kooperazzjoni tagħna u noħloq konnessjonijiet ulterjuri bejn l-oqsma differenti ta' ħidma. Pereżempju nistgħu nagħmlu skambju regolari fuq id-diversi rapporti u inizjattivi dwar il-valuri tal-UE. Idea oħra li għet issuġġerita hija grupp ta' kuntatt, li fih l-iżviluppi tal-istat tad-dritt jiġu diskussi regolament, anke mal-Kunsill.

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se niżgura li l-għodod kollha li għandna għad-dispożizzjoni tagħna biex insaħħu u nipproteġu l-valuri tal-UE jiġu applikati bis-sħiħ f'sinerġija u koerenza sħiħa.

Jien impenjat bis-sħiħ favur l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tad-dritt tal-UE, inkluż permezz ta' proċedimenti ta' ksur meta jkun meħtieġ. Is-supremazija tad-dritt tal-UE u r-rispett għas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE huma prinċipji fundamentali tal-ordni ġuridiku tal-UE li jeħtieġ li niddefendu bis-sħiħ.

Nappoġġa wkoll applikazzjoni aktar effettiva tal-Artikolu 7 TUE u, jekk niġi kkonfermat, inkompli naġġorna regolament lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni fl-Ungerija fil-proċedura tal-Artikolu 7(1) TUE li għaddejja bħalissa, sakemm it-tħassib sottostanti għall-proposta motivata tal-Parlament ma jkunx ġie indirizzat. Il-Kunsill għandu jiżgura trattament ġust tal-proposta motivata mressqa mill-Parlament.

Kif għamlitha ċara l-President fil-Linji Gwida Poliċi, ir-rispett għall-istat tad-dritt huwa rekwiżit għall-fondi tal-UE. Diġà ħloqna għodod importanti biex niżguraw dan. Bir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, għandna strument effettiv biex nipproteġu l-baġit tal-UE kontra ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, jekk il-Kummissjoni ssib li l-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt jaffettwa direttament jew jirriskja serjament li jaffettwa l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'mod suffiċjentement dirett. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), flimkien mal-kundizzjoni abilitanti orizzontali skont il-Politika ta' Koeżjoni, ipprovdiet ukoll inċentiv importanti għar-riformi biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-istat tad-dritt f'għadd ta' Stati Membri, abbażi tal-ħidma fis-Semestru Ewropew kif ukoll tar-Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt. Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza ta' xi Stati Membri fihom "stadji importanti ħafna", xi wħud relatati mar-riformi tal-istat tad-dritt, li jridu jiġu ssodisfati qabel ma jkunu jstgħu jinħarġu l-fondi, biex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Meta nħares lejn il-futur, jekk niġi kkonfermat, se naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għall-Baġit, il-Ġlieda Kontra l-Frodi u l-Amministrazzjoni Pubblika biex nġinu biex jiġi żgurat li l-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss ikompli jiżgura li jkun hemm salvagwardji b'saħħithom dwar l-istat tad-dritt. Dawn is-salvagwardji se jibnu fuq l-applikazzjoni kontinwa tar-reġim ġenerali ta' kundizzjonalità, u jstgħu wkoll jisiltu tagħlimiet min-NextGenerationEU u mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li wrew kif il-fondi tal-UE jstgħu jippromwovu r-riformi tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, kif ukoll mill-Kundizzjonijiet Abilitanti Orizzontali. Dan jikkonsisti fil-ħolqien ta' rabta aktar mill-qrib bejn ir-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt u l-appoġġ finanzjarju skont il-baġit tal-UE, filwaqt li jkomplu jiġu żgurati sinerġiji b'saħħithom u konsistenza mal-ħidma li saret mal-Istati Membri fl-ambitu tas-Semestru Ewropew.

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, il-protezzjoni u t-trawwim tad-demokrazija tagħna se jkunu prijoritajiet ewlenin għall-mandat tiegħi, kif diġà ġie spjegat fi tweġibiet preċedenti. Immexxi l-ħidma għal Tarka għad-Demokrazija Ewropea ġdida biex nindirizza r-riskji gravi għad-demokrazija fl-UE. Filwaqt li nibni fuq il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea u l-Pakkett dwar id-Difiża tad-Demokrazija, u naħdem flimkien mal-Kummissarji sħabi taħt il-gwida tal-Viċi President Eżekuttiv għas-Sovranità Teknoloġika, is-Sigurtà u d-Demokrazija, napprofondixxi l-ħidma biex niġġieldu l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin u d-diżinformazzjoni, biex jiġu ssalvagwardati l-ġustizzja u l-integrità tal-elezzjonijiet u tissaħħaħ is-sistema ta' kontrokkontrolli demokratiċi, biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ulterjuri tar-reżiljenza u t-tħejjija tas-soċjetà tagħna, u biex iċ-ċittadini jitpoġġew fil-qalba tad-demokrazija tagħna. Nistgħu ntejbu l-għarfien tas-sitwazzjoni tagħna u nsaħħu l-kapaċità kollettiva tagħna li nidentifikaw, nanalizzaw u niġġieldu b'mod proattiv it-theddid. Dan se jinvolvi koordinazzjoni aħjar u żieda fl-isforzi dwar il-prevenzjoni u biex iċ-ċittadini jiġu mgħammra b'ħiliet ewlenin biex jinnavigaw l-ispazju tal-informazzjoni, bħall-litteriżmu medjatiku u dak diġitali. Għandna nfitxu wkoll li nsaħħu aktar il-kooperazzjoni permezz ta' korpi bħan-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet, u nappoġġaw l-iżvilupp ta' għodod operazzjonali u ta' bini tal-kapaċità biex nippreservaw il-ġustizzja u nipproteġu l-integrità tal-elezzjonijiet, pereżempju permezz ta' repożitorju tal-UE tal-aħjar Prattiki

relatati mal-elezzjonijiet u biex niżviluppaw miżuri li jappoġġaw is-sikurezza tal-kandidati politiċi u tar-rappreżentanti eletti.

Il-ġurnalisti, il-media indipendenti, u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għandhom rwol essenzjali fid-demokrazzi tagħna, billi dawn jikkontribwixxu għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u jaġixxu bħala gwardjani kontra l-ksur tal-istat tad-dritt. Is-sikurezza u l-protezzjoni tagħhom se jkunu fost l-oġġettivi ewlenin tiegħi, jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju. Għal dan l-għan, se nkun qiegħed insegwi mill-qrib l-adozzjoni mill-Istati Membri tar-Rakkomandazzjoni tal-2021 dwar is-sikurezza tal-ġurnalisti u r-Rakkomandazzjoni tal-2022 dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem kontra s-SLAPP, u nieħu passi ulterjuri kif meħtieġ. Se naħdem taħt il-gwida tal-Viċi President Eżekuttiv għas-Sovranità Teknoloġika, is-Sigurtà u d-Demokrazzja biex niffaċilita l-implimentazzjoni rapida u korretta tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media. Waħda mill-ewwel prijoritajiet tiegħi tkun li naċċerta li l-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media jkun kompletament operattiv, u tingħata attenzjoni mill-qrib għar-regoli dwar ix-xandara pubbliċi, il-protezzjoni tal-ġurnalisti u l-indipendenza editorjali tal-media, inklużi linji gwida biex jiġu stabbiliti salvagwardji kontra t-tneħħija arbitrara ta' kontenut online ppubblikat minn kumpaniji tal-media ta' reputazzjoni tajba.

Fir-rigward ta' aktar leġiżlazzjoni possibbli kontra s-SLAPP, l-ewwel ambizzjoni tiegħi tkun li niżgura l-implimentazzjoni rapida u diliġenti tal-għodod eżistenti, li jikkombinaw salvagwardji leġiżlattivi b'saħħithom biex jipproteġu lill-ġurnalisti u lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem kontra s-SLAPP fi proċedimenti ċivili transfruntiera b'elementi ta' liġi mhux vinkolanti skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni relatata, li japplikaw għat-tipi kollha ta' proċedimenti. Qed iseħħ u se jkompli jkun hemm monitoraġġ mill-qrib tal-implimentazzjoni ta' dawn l-istrumenti. Dan għandu jikkontribwixxi għar-riflessjonijiet dwar liema passi ulterjuri jistgħu jittieħdu fil-livell tal-UE biex jiġu protetti l-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet, b'ħidma f'kooperazzjoni mill-qrib man-network tal-UE ta' punti fokali dwar is-SLAPP stabbilit mill-Istati Membri.

L-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media kien pass importanti fl-indirizzar tal-użu ta' għodod ta' sorveljanza intrużivi. Dan jinkludi projbizzjoni ġenerali ta' software ta' sorveljanza intrużiv f'apparati użati mill-fornituri tas-servizzi tal-media, inklużi l-ġurnalisti, b'eċċezzjonijiet definiti b'mod strett u soġġetti għal kundizzjonijiet sostantivi u proċedurali stretti. Jekk niġi kkonfermat, se niżgura li l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tiġi s-sorveljata bir-reqqa. Bħalma l-Kummissjoni infurmat lill-Parlament Ewropew fit-tweġibiet tagħha għar-riżoluzzjonijiet iddedikati, proposta mhux leġiżlattiva dwar l-użu ta' software ta' sorveljanza intrużiv mill-awtoritajiet nazzjonali fl-UE se tiġi kkonsultata mal-Istati Membri, b'mod partikolari, b'ħarsa lejn il-kwistjoni minn perspettiva tal-protezzjoni tad-data.

11. Ġustizzja kriminali

X'se jkunu l-prijoritajiet ewlenin tiegħek fil-qasam tal-ġustizzja kriminali? Kif se tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-istrumenti leġiżlattivi adottati fil-leġiżlatura preċedenti, inkluż il-pakkett dwar l-evidenza elettronika, u x'se jkun ir-rwol tiegħek fl-iżgurar tal-konsistenza tal-istrumenti tal-liġi kriminali sostantiva? Kif se tiżgura li l-ġustizzja kriminali żżomm il-pass mal-iżvilupp tat-teknoloġiji diġitali, inkluża l-IA, kemm fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji ġodda għal sistema tal-ġustizzja kriminali aktar effiċjenti, kif ukoll meta jkun hemm il-ħtieġa li jiġi kriminalizzat ksur serju ħafna (eż. tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data) li seħħ bl-użu tat-teknoloġija?

X'miżuri jistgħu jittieħdu sabieħ aktar il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Eurojust, u biex is-sistema tal-ġustizzja kriminali ssir aktar effiċjenti fil-għieda kontra l-kriminalità? Waħda mill-missjonijiet tiegħek ser tkun li ssaħħaħ il-Mandat ta' Arrest Ewropew; tagħmel dan billi tippromoti strument leġiżlattiv għid jew minflok billi tiffoka fuq applikazzjoni aħjar tal-qafas legali attwali?

X'passi konkreti qed tippjana li tiegħu biex jiġi rinforsat l-approċċ tal-UE kontra l-korruzzjoni u jissaħħu l-koordinazzjoni u s-sinerġiji bejn il-korpi differenti tal-UE kompetenti fil-qasam tal-għieda kontra l-korruzzjoni u l-Istati Membri? Se tippromoti leġiżlazzjoni konkreta f'dan il-qasam? Kif biħsiebek tappoġġja lill-UPPE, li qed jiffaċċja għadd ta' sfidi prattiċi, b'mod partikolari restrizzjonijiet tal-persunal u baġitarji, li jheddu l-effettività tiegħu? Se timpenja ruħek li tippromoti reviżjoni tar-Regolament dwar l-UPPE, inkluża l-estensjoni tal-kompetenzi tiegħu u, jekk iva, għal liema reati?

Jekk niġi kkonfermat, waħda mill-prijoritajiet ewlenin tiegħi se tkun li niżgura l-użu tal-liġi kriminali fil-livell tal-UE biex nipproteġu liċ-ċittadini tagħna b'mod effettiv, kif ukoll nissalvagwardjaw il-valuri u l-interessi finanzjarji tal-UE. Nixtieq nesplora l-ġabra ta' riflessjonijiet mill-Parlament Ewropew, l-Istati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali u s-soċjetà ċivili dwar kif tista' tkompli tintuża l-liġi kriminali tal-UE biex tiġi miġġielda b'mod effettiv il-kriminalità. F'dan il-kuntest, se nkun lest li nikkontribwixxi u nappoġġja lill-Kummissarju għall-Affarijiet Interni u l-Migrazzjoni fit-tnejn ta' Strateġija Ewropea għas-Sigurtà Interna. Fost il-prijoritajiet ewlenin se jkun hemm

I-ffaċilitar tal-ftehim bejn il-koleġiżlaturi dwar proposti pendenti importanti bħad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi u d-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' ambizzjoni.

Jekk niġi kkonfermat, se niffoka wkoll fuq l-implimentazzjoni effettiva u konsistenti tal-istrumenti eżistenti, inkluż permezz ta' gwida u djalogu mtejba fejn ikunu ta' għajna, kif ukoll proċeduri ta' ksur meta jkun meħtieġ. Dan ikun jiffirma parti mir-rappurtar annwali tiegħi dwar il-progress u l-kwistjonijiet tal-implimentazzjoni. Nixtieq niżviluppa passi prattiċi ulterjuri biex nassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni, bħall-pjattaforma tal-IT deċentralizzata li għaddejja bħalissa biex tippermetti komunikazzjoni sigura u affidabbli bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u/jew il-fornituri tas-servizzi. Fir-rigward tal-indirizzar ta' ksur serju ħafna tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* bl-użu tat-teknoloġija, kemm il-GDPR kif ukoll id-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi jirrikjedu li l-Istati Membri jipprevedu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur tar-regoli rispettivi. Niżgura li l-Istati Membri jikkonformaw ma' dan l-obbligu.

Żewġ prijoritajiet ewlenin oħra jkunu t-titjib tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, anke bl-appoġġ tal-Eurojust, u sistemi tal-ġustizzja kriminali aktar effiċjenti fil-ġlieda kontra r-reati. Għandhom jiġu stabbiliti kanali ta' komunikazzjoni siguri bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-Eurojust, u se nħares bir-reqqa lejn ir-riżultati tal-evalwazzjoni li għaddejja bħalissa biex nara jekk il-bidliet fir-Regolament dwar l-Eurojust jgħinix biex jiġi sfruttat il-potenzjal tiegħu. Għandna nħarsu wkoll lejn l-estensjoni tal-mandat tal-Eurojust biex tinħażen evidenza relatata ma' reati internazzjonali għal oqsma oħra ta' kriminalità, pereżempju, il-kriminalità organizzata. Se nirrifletti wkoll dwar il-possibbiltà li jiġi fformalizzat l-użu ta' Skwadri ta' Investigazzjoni Konġunti permanenti, ittestjati għaċ-Ċentru Internazzjonali għall-Prosekuzzjoni tad-Delitti ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna. Fl-aħħar nett, flimkien mal-Kummissarju għall-Affarijiet Interni u l-Migrazzjoni, se nesplora kif l-aħjar niżgura li l-Eurojust u l-Europol jimmassimizzaw il-potenzjal li jaħdmu flimkien mill-qrib. A

Il-Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE) huwa wieħed mill-aktar għodod tal-ġustizzja kriminali ta' suċċess tal-UE iżda huwa importanti li jinżamm dan ir-rekord f'ċirkostanzi li qed jinbidlu. Peress li l-Qorti tal-Ġustizzja s'issa qatgħet aktar minn 85 sentenza dwar il-MAE, saret xi ħaġa kumplessa għall-prattikanti biex jibqgħu aġġornati. L-interazzjoni bejn il-MAE u Deċiżjonijiet Qafas oħra, bħal dwar ir-rikonossiment ta' sentenzi li jimponu pieni ta' kustodja u l-eżekuzzjoni ta' dawk il-pieni fi Stati Membri oħra, toħloq ukoll diffikultajiet. Nirrifletti dwar modi kif tittejjeb aktar l-effettività tal-MAE.

Id-diġitalizzazzjoni u l-użu tat-teknoloġija tal-IA huma importanti wkoll biex tinkiseb l-effiċjenza fis-settur tal-ġustizzja kriminali, jiġu ssimplifikati u ffaċilitati l-proċessi inkluż għall-kooperazzjoni ġudizzjarja. L-użu tat-teknoloġiji diġitali għandu l-potenzjal li jiffaċilita l-piż għall-imħallfin li jirriżulta minn attivitajiet awżiljarji, li jippermettilhom aktar żmien biex jiffokaw fuq l-attività ewlenija. L-implimentazzjoni tal-Pakkett dwar id-Diġitalizzazzjoni fis-snin li ġejjin se tkun pass importanti. Bħala parti minn strateġija futura dwar l-użu tat-teknoloġiji diġitali fil-ġustizzja, se neżamina kif nappoġġa lill-Istati Membri fl-użu tal-IA u għodod oħra tal-IT fil-qasam tal-ġustizzja.

Fir-rigward tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, dan il-qasam żviluppa sew f'dawn l-aħħar snin, u jeħtieġ li nkomplu b'din il-ħidma. Barra minn hekk, hemm sfidi li qed tiffaċċja s-sistema tal-ġustizzja kriminali tal-UE li jirrikjedu li mmorru lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni. Jekk niġi kkonfermat, għalhekk se nkompli nsahħa il-kooperazzjoni aktar mill-qrib ma' pajjiżi terzi biex niffaċilita l-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-ġlieda kontra reati serji, inkluż it-traffikar tal-bnedmin, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni u t-traffikar tad-drogi.

Il-korruzzjoni tagħmel ħsara kemm lill-effettività tal-politika pubblika kif ukoll lill-fiduċja taċ-ċittadini fl-istat u fl-istituzzjonijiet pubbliċi. Il-Linji Gwida Politiċi indikaw b'mod partikolari kif l-UE u l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jaħdmu flimkien biex jaffrontaw din il-problema. Jekk niġi kkonfermat, it-tlestija tan-negozjati dwar id-Direttiva kontra l-korruzzjoni tkun l-ewwel pass ewleni f'dan il-qasam. Se niżviluppa l-ewwel strateġija tal-UE kontra l-korruzzjoni, li għandha titħejja fuq bażi ta' kunsens u konsultazzjoni wiesgħa, b'mod partikolari mal-Parlament Ewropew u l-Istati Membri. Il-ħidma tan-Network tal-UE kontra l-korruzzjoni stabbilit mill-Kummissjoni fl-2023 tista' tipprovi bażi importanti. Din toffri approċċ ċar tal-UE għall-ħidma kontra l-korruzzjoni, u kooperazzjoni msaħħa bejn il-livell tal-UE u l-Istati Membri, u bejn l-Istati Membri, u ċertament tkun element ewleni.

B'mod aktar ġenerali, jekk niġi kkonfermat se nesplora flimkien mal-Kummissarju għall-Baġit, il-Ġlieda Kontra l-Frodi u l-Amministrazzjoni Pubblika modi ulterjuri biex niddedika l-finanzjament tal-UE għal miżuri dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni tal-korruzzjoni.

Fir-rigward tal-UPPE, f'konformità mal-Linji Gwida Politiċi u mal-ittra ta' missjoni tiegħi, jekk niġi kkonfermat se nniedi riflessjonijiet dwar jekk l-UPPE għandux b'zonn setgħat ġodda biex iħares lejn aspetti tal-kriminalità transfruntiera. Għal dan l-għan, se naħdem biex naċċellera l-evalwazzjoni li għaddejja tar-Regolament dwar l-UPPE. F'dawn l-aħħar fiit snin, l-awtorità baġitarja saħħet sostanzjalment il-persunal u l-baġit tal-UPPE. Se nagħmel l-almu tiegħi biex niżgura li l-Kummissjoni tkompli tappoġġa lill-UPPE, biex dan ikun jista' jkseb b'suċċess il-missjoni importanti tiegħu, u għal dan se nkun qed naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għall-Baġit, il-Ġlieda Kontra l-Frodi u l-Amministrazzjoni Pubblika.

Mistoqsija mill-Kumitat għall-Baġits

12. Fl-ittra ta' missjoni tiegħek, il-President tagħtik il-kompitu li tibni rabta aktar mill-qrib bejn ir-rakkomandazzjonijiet fir-rapport dwar l-Istat tad-Dritt u l-appoġġ finanzjarju fl-ambitu tal-baġit tal-UE. Hija titlob ukoll li l-baġit fit-tul futur ikollu salvagwardji b'saħħithom dwar l-istat tad-dritt.

F'dan il-kuntest, peress li l-kompitu tiegħek se jkun li tiżgura li r-rispett tal-Istat tad-Dritt ikompli jkun obbligu għall-fondi tal-UE, liema miżuri konkreti tipprevedi li tiegħu biex tiżgura li r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport dwar l-Istat tad-Dritt b'impatt fuq il-baġit tal-UE jiġu segwiti b'mod strett u f'waqthom u liema arranġamenti ta' ħidma se tistabbilixxi biex tikkoopera mal-Kummissarju għall-Baġit, għall-Ġlieda kontra l-Frodi u għall-Amministrazzjoni Pubblika u se taqsam mal-Parlament il-valutazzjonijiet li għaddejjin għall-kundizzjonijiet abilitanti għall-politika ta' Koeżjoni?

Ir-rispett tal-istat tad-dritt huwa — u se jibqa' — rekwiżit biex jingħataw fondi tal-UE. Ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità u l-Kundizzjoni Abilitanti Orizzontali relatati mal-Karta kienu żvilupp pożittiv haġna tal-qafas finanzjarju pluriennali attwali. Fit-tweġiba għall-mistoqsija 10 spjegajt kif għandna niżviluppaw aktar din il-ħidma, billi nsewgu l-approċċ fil-Linji Gwida Politiċi.

Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, se naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għall-Baġit, il-Ġlieda Kontra l-Frodi u l-Amministrazzjoni Pubblika biex ngħinu biex jiġi żgurat li l-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss ikompli jinkludi salvagwardji b'saħħithom dwar l-istat tad-dritt. Tali salvagwardji se jibnu fuq l-applikazzjoni kontinwa tar-reġim ġenerali ta' kundizzjonalità, li japplika għall-fondi kollha, kif stabbilit fil-Linji Gwida Politiċi u li jinsiltu t-tagħlimiet mill-użu tiegħu s'issa.

Bnejna sett ta' għodod komprensiv u għalkemm kull wieħed minn dawn l-istrumenti għandu r-regoli u r-raġunament tiegħu stess, jeħtieġ li jaħdmu tajjeb flimkien. Se jkun importanti li tkun żgurata l-koerenza bejn dawn l-istrumenti u l-azzjonijiet relatati, u se naħdem flimkien mal-Kummissarji sħabi biex nesploraw kwalunkwe potenzjal biex nissimplifikaw l-applikazzjoni tagħhom biex ikunu aktar effettivi. Ir-rapport dwar l-Istat tad-Dritt u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu huma sors importanti għall-monitoraġġ ta' kwistjonijiet tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, u huma kruċjali għall-valutazzjonijiet imwettqa skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità. Madankollu, il-każijiet li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, inkluż meta joriġinaw mir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt, jirrikjedu valutazzjoni bbażata fuq l-evidenza tar-rabta mal-baġit tal-UE, f'konformità mar-rekwiżiti legali u kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja.

Fir-rigward tal-valutazzjonijiet li għaddejjin għall-kundizzjonijiet abilitanti għall-politika ta' Koeżjoni, il-Kummissjoni vvalutat u se tkompli tivvaluta mill-qrib l-issodisfar tar-rekwiżiti meħtieġa qabel ma tiegħu d-deċizzjonijiet. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li tippoteġi l-ispazju meħtieġ għall-proċess intern tagħha ta' teħid ta' deċizzjonijiet. Il-Kummissjoni hija konxja wkoll mid-dmir tagħha ta' kooperazzjoni leali mal-Istat Membru kkonċernat, peress li l-monitoraġġ tal-issodisfar tal-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali huwa bbażat fuq djalogu u impenn kostanti bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat u fid-dawl tas-sensittività politiki tad-diskussjonijiet dwar il-baġit tal-UE. F'dan il-qafas, jekk niġi kkonfermat, se nkun lest li naħdem miegħek biex niżgura l-aħjar fluss ta' informazzjoni diretta possibbli.

Mistoqsija mill-Kumitat għall-Kontroll Baġitarju

13. Fl-ittra ta' missjoni tiegħek, il-President tatek il-kompitu biex tiżviluppa approċċ tal-UE kontra l-korruzzjoni u biex taħdem mal-Kummissarju għall-Baġit, għall-Ġlieda kontra l-Frodi u għall-Amministrazzjoni Pubblika biex tiżgura li l-finanzjament tal-UE jkun jista' jiġi ddedikat għal miżuri nazzjonali li jiġġieldu l-korruzzjoni.

Tista' telabora dwar kif se tikkoopera mal-Kummissarju għall-Baġit dwar il-miżuri konkreti li biħsiebek tiegħu u tista' tispedja wkoll għal-istati Membri jkun jeħtieġu aktar flus mill-UE biex jiġġieldu l-korruzzjoni? Ma jkunx preferibbli li l-UPPE jiġi mgħammar aħjar u li l-Istati Membri jiġu appoġġjati b'modi oħra?

Kif se tinkorpora l-protezzjoni tas-Suq Uniku fil-qafas tal-Istat tad-Dritt tal-Unjoni? Liema bidliet se timplimenta l-Kummissjoni biex tħaffef il-proċeduri ta' ksur kontra l-Istati Membri talli naqsu milli jipproteġu s-Suq Uniku?

L-objettiv tagħna huwa u għandu jibqa' dak li nnaqqsu l-forom kollha ta' korruzzjoni, f'kull livell, fil-pajjiżi u l-istituzzjonijiet kollha tal-UE u anke barra mill-UE.

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, flimkien mal-Kummissarju għall-Baġit, il-Għlieda kontra l-Frodi u l-Amministrazzjoni Pubblika, se nesplora aktar toroq biex niddedika finanzjament tal-UE għal miżuri nazzjonali għall-għlieda kontra l-korruzzjoni u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. Dan narah bħala eżempju tajjeb fejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jaħdmu flimkien mill-qrib fuq kwistjoni ta' rilevanza kbira għat-tnejn li huma: bil-Kummissjoni tgħin biex tipprovdi pariri, tiġbor flimkien Prattika tajba, u toffri finanzjament għall-appoġġ b'miżuri preventivi u tgħin fl-iskjerament tal-assistenza teknika. Dan jinvolvi wkoll it-tagħlim mill-esperjenza bil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) u l-applikazzjoni tal-kundizzjoni abilitanti orizzontali skont il-Politika ta' Koeżjoni, li pprovdedw inċentivi importanti għal riformi u investimenti biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-istat tad-dritt, inkluża l-għlieda kontra l-korruzzjoni. Dan se jkun parti mill-ħidma usa' fil-livell tal-UE biex insaħħu l-approċċ tagħna għall-istat tad-dritt u l-għlieda kontra l-korruzzjoni u jikkomplimentu l-istabbiliment ta' rabta aktar mill-qrib bejn l-appoġġ finanzjarju u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt. B'mod parallel, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa wkoll lill-UPPE biex iwettaq il-missjoni importanti tiegħu.

Kif stabbilit fit-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija 10, il-Linji Gwida Politiċi jistabbilixxu kif ir-rapport dwar l-istat tad-dritt se jiġi żviluppat aktar. Ir-rispett għall-istat tad-dritt, b'mod partikolari sistemi ġudizzjarji indipendenti, ta' kwalità u effiċjenti, iċ-ċertezza legali u l-ugwaljanza quddiem il-liġi, il-għlieda kontra l-korruzzjoni u t-tfassil tajjeb tal-liġijiet — kollha parti mill-valutazzjonijiet skont ir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt f'kull Stat Membru — huma fatturi determinanti ewlenin ta' ambjent tan-negozju li jrawwem l-investiment, it-tkabbir, l-impjiegi u l-innovazzjoni, u għalhekk għandhom effett fuq il-funzjonament tajjeb tas-suq uniku. Jekk niġi kkonfermat, se nkompli nikkonsolida u napprofondixxi l-analiżi skont ir-Rapport, filwaqt li niżgura li d-dimensjoni tas-suq uniku tissaħħaħ biex inħares lejn kwistjonijiet tal-istat tad-dritt li jaffettwaw lill-kumpaniji, speċjalment lill-SMEs li joperaw fuq kull naħa tal-fruntieri.

Nappoġġa l-użu tal-għodod kollha għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi għas-suq uniku u l-istat tad-dritt fl-Istati Membri kollha. Dan jinkludi l-użu ta' proċedimenti ta' ksur f'każijiet ta' ksur tar-regoli tas-suq uniku, pereżempju bħala riżultat ta' interventi mhux dovuti mill-Istat jew Prattiki amministrattivi abbużivi għad-detriment ta' kumpaniji li joriġinaw minn Stati Membri oħra. Lil hinn mill-azzjoni ta' infurzar tal-Kummissjoni, il-kumpaniji jistgħu jmorru direttament quddiem il-qrati nazzjonali biex jiproteġu l-interessi tagħhom. Barra minn hekk, jekk dawn il-kumpaniji ġarrbu danni kkawżati minn ksur tad-dritt tal-UE, jistgħu jitolbu kumpens quddiem il-qrati nazzjonali, f'konformità mal-prinċipju tar-responsabbiltà tal-Istat. Jekk tkun meħtieġa interpretazzjoni tad-dritt tal-UE, dawn il-qrati nazzjonali jistgħu, u l-qrati tal-aħħar istanza għandhom, jagħmlu rinviġi għal deċiżjonijiet preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skont il-proċedura tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari tal-Artikolu 267 TFUE. Se nappoġġa lill-Viċi President Eżekuttiv għall-prospertà u l-istrateġija industrijali fil-ħidma importanti tiegħu biex japprofondixxi u jikkonsolida s-Suq Uniku.

Mistoqsija mill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

14. Il-libertà u l-pluraliżmu tal-media huma parti vitali mid-demokrazija. Madankollu, huwa importanti li jitfakkar li, minħabba l-bażi ġuridika tiegħu, l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media għandu fuq kollox l-għan li jistabbilixxi suq intern għas-servizzi tal-media li jiffunzjona tajjeb u li huwa marbut b'mod qawwi mad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva. Barra minn hekk, jindirizza l-kontenut tal-fornituri tas-servizzi tal-media fuq pjattaformi online kbar ħafna u jinkludi diversi dispożizzjonijiet marbuta mal-valutazzjoni tal-konċentrazzjonijiet tas-suq tal-media, l-allokazzjoni trasparenti u ġusta tar-riżorsi ekonomiċi, l-indipendenza editorjali, il-funzjonament indipendenti tal-media tas-servizz pubbliku u l-protezzjoni tal-ġurnalisti. Għalhekk, kif se tiżgura li l-implimentazzjoni tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media tibqa' konnessa mill-qrib mad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u tiġi indirizzata minn perspettiva ta' politika tal-media?

L-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA) huwa parti integrali mill-politika tal-UE dwar il-media, li jibni fuq il-qafas li ilu stabbilit mid-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD). Dawn iż-żewġ strumenti huma marbuta mill-qrib u komplementari.

Flimkien, l-EMFA u l-AVMSD jipprevedu sett komprensiv ta' regoli, li jrawmu s-suq intern tal-media u jippermettu lill-kumpaniji tal-media joperaw liberament fuq kull naħa tal-fruntieri u li l-konsumaturi jkollhom aċċess għal kontenut tal-media ddiversifikat. L-EMFA jgħid il-post uniku tas-settur tal-media fid-demokrazija u l-kultura tagħna. Dan jissupplimenta r-regoli li jirregolaw il-pjattaformi online skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, billi jsaħħaħ il-pożizzjoni ta' media ta' reputazzjoni tajba fil-konfront tal-Prattiki ta' moderazzjoni tal-kontenut

fuq pjattaformi online kbar ħafna. Pedament tal-EMFA huwa l-Bord Ewropew il-ġdid għas-Servizzi tal-Media, li jaġġorna l-ERGA (in-network attwali tar-regolaturi tal-media skont l-AVMSD) u se jagħmel il-kooperazzjoni fost ir-regolaturi aktar effiċjenti.

Jekk niġi kkonfermat, flimkien mal-Viċi President Eżekuttiv dwar is-Sovranità, is-Sigurtà u d-Demokrazija tat-Teknoloġija, se naħdem biex niżgura l-implimentazzjoni rapida u korretta tal-EMFA. F'dan il-kuntest, it-twaqqif tal-Bord il-ġdid għas-Servizzi tal-Media u s-segretarjat tiegħu se jkunu l-prijorità immedjata tagħna. Il-Bord se jkompli l-ħidma tal-ERGA biex jiżgura l-implimentazzjoni koerenti tal-AVMSD f'oqsma bħall-prominenza tal-kontenut ta' interess ġenerali, li hija kruċjali għas-sostenibbiltà tal-media. Bl-istess mod, se niżguraw li r-regoli tal-EMFA dwar ir-rintraċċabbiltà tal-kontenut tal-media fuq it-televiżjoni konnessa u l-kejl tal-udjenzi jiġu implimentati malajr.

Se niżguraw li l-implimentazzjoni tkun għaddejja għielha qabel l-iskadenza tal-applikazzjoni ta' Awwissu 2025. B'mod aktar ġenerali, l-implimentazzjoni ta' dawn l-istrumenti se tkun prijorità ewlenija. Fil-bidu tal-mandat il-ġdid, se naħdmu wkoll fuq it-tnejn tal-linji gwida dwar l-Artikolu 18 tal-EMFA li jistabbilixxi salvagwardji għal kontenut tal-media ta' reputazzjoni tajba bil-ħsieb li tiġi evitata t-tneħħija arbitrarja minn pjattaformi online kbar ħafna u tiġi protetta aħjar id-disponibbiltà ta' kontenut editorjali leġittimu online.

Jekk niġi kkonfermat, niżgura wkoll li l-analiżi fir-rapport dwar l-Istat tad-Dritt tkompli tkopri bis-sħiħ l-oqsma taħt l-EMFA bħall-konċentrazzjonijiet tas-suq tal-media, ir-reklamar mill-Istat u l-protezzjoni u s-sikurezza tal-ġurnalisti, li jaffettwaw il-funzjonament tas-suq intern tal-media.

Mistoqsija mill-Kumitat għall- Affarijiet Kostituzzjonali

15. Kif tippredvi r-rwol tiegħek fir-rigward tal-abbozz ta' proposta tal-Kummissjoni biex jiġi emendat ir-Regolament 1141/2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, li bħalissa jinsab fuq il-mejda? Kif tiddefendi l-għażla tal-Kummissjoni għall-format riformulat għall-proposta msemmija hawn fuq fir-rigward tal-prerogattivi leġiżlattivi tal-Parlament u liema azzjonijiet speċifiċi tiegħu bħala kwistjoni ta' prijorità sabiex tgħin lill-koleġiżlaturi jegħlbu l-imblokk attwali fin-negozjati, speċjalment fir-rigward tal-involviment ta' partiti membri minn pajjiżi terzi? Kif nistgħu nużaw ir-riformulazzjoni biex nippermettu lill-Partiti Politiċi Ewropej jiffaċilitaw l-integrazzjoni politika tal-partiti politiċi mill-pajjiżi tat-tkabbir? X'salvagwardji u linji gwida taħseb li għandhom ikunu fis-seħħ biex jiġu żgurati l-integrità u t-trasparenza tal-proċess?

Lil hinn mill-involviment tal-partiti politiċi, kif se ssaħħaħ l-għodod għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE?

Fid-dawl li l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) hija obbligu legali skont l-Artikolu 6(2) tat-Trattat ta' Liżbona, kif tiżgura l-proċess ta' adeżjoni fil-futur? Hemm xi perkorsi meqjusa mill-Kummissjoni biex jistimulaw l-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-QEDB mill-Istati Membri tal-UE? Tista' tiddekrivi l-viżjoni tiegħek biex tevita l-frodi u ttejjeb it-trasparenza tal-finanzjament dwar ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess – speċjalment fir-rigward tal-indħil barrani?

Jekk niġi kkonfermat, se nagħmel l-almu tiegħi biex nappoġġa l-proċess biex jintlaħaq qbil dwar il-proposta biex jiġi emendat ir-Regolament 1141/2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej. Kif indikat fl-ittra ta' missjoni tiegħi, se naħdem biex nibni mill-ġdid il-pont bejn il-Parlament u l-Kunsill, filwaqt li nirrikonoxxi l-għarfien espert prezzjuż tal-Parlament fil-funzjonament reali tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, filwaqt li nisma' t-tħassib validu tal-Kunsill f'termini ta' sigurtà. Is-servizzi tiegħi jappoġġaw lill-koleġiżlaturi biex jagħmlu l-aħjar użu mill-esperjenza tagħna fl-elezzjonijiet Parlamentari Ewropej ta' din is-sena, inkluż dak li se jiġi stabbilit fir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-elezzjonijiet, kif ukoll l-iżviluppi ġeopolitiċi u l-ħidma tal-Kummissjoni mġedda biex tgħin fl-iżvilupp ta' approċċi biex tinstab soluzzjoni. F'dan il-kuntest, nilqa' d-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li jkompli jaħdem fuq il-fajl u l-passi meħuda b'mod informali mill-Parlament biex jersaq qrib il-Presidenzi tal-Kunsill tal-UE bl-għan li jiġu esplorati l-possibbiltajiet li jitnieda mill-ġdid il-proċess tan-negozjati u jintlaħaq qbil.

Il-kwistjoni tal-użu tal-proċedura ta' riformulazzjoni hija waħda teknika ħafna, u mhijiex daqstant kwistjoni ta' kunsiderazzjoni politika imma ta' proċeduri leġiżlattivi effiċjenti. Skont il-Ftehim Interistituzzjonali dwar użu aktar strutturat tat-teknika ta' riformulazzjoni għall-atti legali, ir-riformulazzjoni hija t-teknika legali li għandha tintuża meta jiġi sostitwit att preċedenti, li kien ġie emendat qabel, sabiex it-test jiġi kkonsolidat u ssimplifikat. Dan huwa preċiżament il-każ tal-aħħar reviżjoni tar-Regolament 1141/2014: wara ż-żewġ reviżjonijiet preċedenti

(fl-2018 u fl-2019) u minħabba l-hteġa li jiġu aġġornati l-lingwaġġ, ir-referenzi u d-dispożizzjonijiet skaduti, kien meħtieġ mhux biss li jsiru ċerti modifiki mmirati tas-sustanza iżda wkoll li r-Regolament jiġi riformulat.

Ir-rapporti ta' evalwazzjoni li ġew abbozzati kemm mill-Parlament kif ukoll mill-Kummissjoni, b'applikazzjoni tal-klawsola ta' reviżjoni tar-Regolament, waslu għall-konklużjonijiet simili ħafna u, għalhekk, il-proposti mressqa mill-Kummissjoni kienu allinjati ħafna mat-talbiet tal-Parlament.

L-ilħuq ta' ftehim jgħin biex il-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej jiġu mġhammra bl-aħjar għodod biex titrawwem l-integrazzjoni politika tal-partiti politiċi mill-pajjiżi tat-tkabbir bl-aktar mod trasparenti, biex jiġu appoġġati l-integrità u t-trasparenza tal-proċess, speċjalment fil-pajjiżi tat-tkabbir. Il-partiti politiċi Ewropej huma ċ-ċentri fejn kultura politika Ewropea reali tista' tiffjorixxi, u nqishom bħala l-aħjar post fejn jinbeda u jitwettaq il-proċess tat-tkabbir. Il-governanza tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej tiggarrantixxi li dan il-proċess jitwettaq bl-aktar mod leġittimu.

Ninsab heqan li nibda l-ħidma immedjatament jekk niġi kkonfermat mal-partijiet kollha involuti u li nisma' l-fehmiet tal-Parlament dwar kif noħolqu s-sinerġiji t-tajba, iġeddu l-proċess tan-negożjati u nwassluh għal konklużjoni b'suċċess.

Il-President enfasizzat il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini bħala ċentrali għad-demokrazija tagħna. Jekk niġi kkonfermat, se ngħin biex inrawwem kultura ta' demokrazija parteċipattiva u deliberattiva, li tikkomplementa u ssaħħa id-demokrazija rappreżentattiva. L-involviment demokratiku taċ-ċittadini huwa essenzjali għad-demokrazija tagħna u jrid jiġi appoġġat, anke biex tintlaħaq udjenza usa'. Dan jeħtieġ aktar integrazzjoni tal-involviment taċ-ċittadini fil-proċess tat-tfassil tal-politika tal-Kummissjoni, li jibni fuq l-involviment tal-partijiet ikkonċernati fil-qalba tas-sistema tagħna ta' regolamentazzjoni aħjar. Nistgħu nżidu l-isforzi tagħna biex insaħħu l-viżibbiltà u l-aċċettazzjoni tas-sett ta' għodod għall-involviment taċ-ċittadini tagħna: b'konsultazzjonijiet pubbliċi online u opportunitajiet ta' feedback (il-pjattaforma "Semma' leħnek — konsultazzjonijiet pubbliċi u feedback"), l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, u l-ġenerazzjoni l-ġdida tal-Panels taċ-Ċittadini Ewropej immirati lejn oqsma ta' politika definiti. Naturalment se ningħaqad ukoll mal-Kummissarji sħabi u se norganizza l-ewwel Djalogu tiegħi ta' Politika maż-Żgħażaġħ fl-ewwel 100 jum tal-mandat, u dan nirrepetih kull sena.

Ir-Rakkomandazzjoni dwar il-promozzjoni tal-involviment u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika, li ġiet adottata bħala parti mill-Pakkett dwar id-Difiża tad-Demokrazija s-sena l-oħra, tibni fuq l-esperjenza tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Hija tappoġġa l-aħjar prattiki dwar il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u tħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu aktar opportunitajiet għaċ-ċittadini biex jipparteċipaw b'mod effettiv fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika. Għandna nwettqu segwitu ta' din ir-Rakkomandazzjoni mal-Istati Membri permezz tal-kondiviżjoni ta' esperjenzi u l-aħjar prattiki fost l-Istati Membri, filwaqt li naħdmu wkoll ma' rappreżentanti minn awtoritajiet reġjonali jew lokali, Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili u organizzazzjonijiet umbrella fil-livell Ewropew u tal-Istati Membri. Se nappoġġa wkoll l-isforzi biex titrawwem id-dimensjoni Ewropea fl-edukazzjoni ċivika.

Spjegajt fid-dettall il-ħsibijiet tiegħi dwar il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-mistoqsija 9. Jien impenjat bis-sħiħ li nħeġġeġ il-konformità mal-obbligi li jirriżultaw mill-Konvenzjoni. Fir-rigward ta' kwistjonijiet irregolati mid-dritt tal-UE, il-Kummissjoni għandha sett wiesa' ta' għodod għad-dispożizzjoni tagħha biex timmonitorja, tħeġġeġ u tinforza r-rispett tal-Istati Membri għad-drittijiet fundamentali. Fl-istess ħin, huwa importanti li jiġi rikonoxxut li r-responsabbiltà usa' għall-iżgurar tal-konformità mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem hija tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa.

Jekk niġi kkonfermat, se nappoġġa b'mod attiv lill-koleġiżlaturi biex javvanzaw fir-rigward tad-Direttiva proposta dwar ir-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi. Huwa essenzjali li jiġu introdotti standards komuni ta' trasparenza u responsabbiltà fis-suq intern, li jgħammru lill-UE bl-għodod ta' trasparenza li jippermettu lill-Unjoni tagħna tiddefendi d-demokrazija, tibqa' soċjetà miftuħa u tiproteġi d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-libertà tal-espressjoni u l-aċċess għall-informazzjoni. Minbarra l-valur tat-trasparenza nnifisha, dan isahħa il-fiduċja fl-istituzzjonijiet demokratiċi tagħna u jtejjeb l-għarfien tal-iskala, ix-xejriet u l-atturi wara l-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi.

Jekk niġi kkonfermat, se nissorvelja wkoll il-ħidma biex nippreserva l-ġustizzja u l-integrità tal-elezzjonijiet b'mod aktar ġenerali, u nagħti segwitu għar-Rakkomandazzjoni dwar elezzjonijiet inklużivi u reżiljenti, li indirizzat il-kwistjoni tal-finanzjament minn pajjiżi terzi għall-partiti politiċi u dwar is-sejbiet tar-Rapport li jmiss tal-Kummissjoni dwar l-elezzjonijiet Parlamentari Ewropej tal-2024.

Mistoqsija mill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

16. Fil-Kummissjoni l-ġdida, il-portafoll tal-ugwaljanza ġie sseparat mill-qasam tal-ġustizzja, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali. Madankollu, ir-rilevanza tal-ugwaljanza għall-ġustizzja tibqa', speċjalment f'termini ta' proposti leġiżlattivi li saru matul l-aħħar Kummissjoni, pereżempju relatati mal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, jew id-drittijiet tal-vittmi. Kif se tipprijoritizza l-fajls dwar l-ugwaljanza biex tiżgura koeżjoni mal-Kummissarju għall-Ugwaljanza l-ġdid, filwaqt li tkompli timmonitorja t-traspożizzjoni ta' dawn il-fajls u l-iżviluppi l-ġodda fl-oqsma ta' politika rispettivi tagħhom? Timpenja ruħek li toħroġ proposta biex tintroduċi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru fil-lista ta' reati tal-UE elenkati fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE?

L-ugwaljanza, il-ġustizzja, id-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt u d-demokrazija huma marbuta mill-qrib bħala parti minn sforz usa' biex jiġu rispettati l-valuri tal-UE. Fil-Kummissjoni li waslet fi tmiemha, il-predeċessor tiegħi, il-Kummissarju Reynders, kien inkarigat mill-portafoll tal-ġustizzja, filwaqt li l-Kummissarju Dalli kienet inkarigata mill-portafoll tal-ugwaljanza. Il-Kummissjoni l-ġdida se taħdem bl-istess mod: jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se niżgura li tiġi inkluża perspettiva tal-ugwaljanza fil-politiki kollha li għalihom se nkun responsabbli, filwaqt li naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għall-Ugwaljanza.

Pereżempju, se nipromwovi b'mod attiv l-inklużività fid-demokrazija. Se nibni b'mod partikolari fuq ir-rapport ta' wara l-elezzjonijiet, li se jagħmel rieżami tal-parteċipazzjoni ta' gruppi differenti fl-elezzjonijiet, inklużi n-nisa, il-minoranzi, u l-gruppi emarġinati. Dan se jkun ukoll parti mit-Tarka għad-Demokrazija Ewropea, li se tindirizza l-aktar riskji severi għad-demokrazija fl-UE filwaqt li tagħti attenzjoni lill-gruppi l-aktar f'riskju. Ħafna mill-miżuri li se mmexxi 'l quddiem iridu jqisu speċifikament id-dimensjoni tal-ugwaljanza, bħal dwar is-sikurezza tal-kandidati politiċi u tar-rappreżentanti eletti. Fil-qasam tal-liġi kriminali, se naħdem għall-avvanz tal-aġġornament tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi. Dan se jsaħħaħ il-protezzjonijiet ipprovduti skont id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. Se neżamina wkoll kif l-ugwaljanza tista' tiġi integrata f'oqsma oħra, bħall-politika tal-konsumatur, fejn pereżempju x-xejriet tal-konsum għandhom dimensjoni tal-ġeneru. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se naħdem mill-qrib mal-Kunsill u mal-Parlament Ewropew biex ngħin sabiex jiġi żgurat li tiġi adottata d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tinkludi d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda fil-lista tal-UE ta' reati kriminali. Fuq dik il-bażi, l-UE mbaġħad tkun tista' tippromulga aktar leġiżlazzjoni u b'hekk tiggarrantixxi protezzjoni konsistenti tal-vittmi kollha ta' dawn l-atti kriminali madwar l-UE.

Fir-rigward ta' proposta possibbli biex tiġi introdotta l-vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala reat ġdid tal-UE skont l-Artikolu 83(1) TFUE, ir-reat serju b'dimensjoni transfruntiera eżistenti ta' sfruttament sesswali tan-nisa u l-bniet joffri bażi legali suffiċjenti biex jiġi kriminalizzat l-istupru abbażi ta' nuqqas ta' kunsens. It-tisħiħ ulterjuri tal-lista tal-UE ta' reati kriminali jkun jeħtieġ unanimità fil-Kunsill, bħal fil-proposta għal diskors ta' mibegħda u reati ta' mibegħda.